# Prinċipji Ewlenin

## Sostenn għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika għall-edukazzjoni inklużiva

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# PRINĊIPJI EWLENIN

## Sostenn għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika għall-edukazzjoni inklużiva

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma. L-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħha u mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' għotja operattiva fi ħdan il-programm edukattiv tal-Unjoni Ewropea (UE).

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

L-opinjonijiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjonijiet uffiċjali tal-Aġenzija, tal-pajjiżi membri tagħha jew tal-Kummissjoni Ewropea.

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2021**

Edituri: Verity J. Donnelly u Amanda Watkins

Din il-pubblikazzjoni hija riżorsa ta' aċċess miftuħ. Dan ifisser li inti tista' tidħol fiha, tużaha u tqassamha filwaqt li tagħti kreditu xieraq lill-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva. Jekk jogħġbok irreferi għall-Politika dwar l-Aċċess Miftuħ tal-Aġenzija għal aktar informazzjoni: www.european-agency.org/open-access-policy.

Inti tista' tikkwota din il-pubblikazzjoni kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2021. *Prinċipji Ewlenin – Sostenn għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika għall-edukazzjoni inklużiva.* (V. J. Donnelly u A. Watkins, edituri). Odense, id-Danimarka

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat skont il-Liċenzja Internazzjonali Creative Commons Attribution-NonCommercial-NoDerivatives 4.0.
Ma tistax timmodifika jew tittraduċi din il-pubblikazzjoni mingħajr l-approvazzjoni tal-Aġenzija.

Bil-għan li tinkiseb aċċessibbiltà ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli f'25 lingwa u f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: www.european-agency.org

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta' dubju dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

ISBN: 978-87-7110-956-6 (Elettroniku)



Il-logo tal-Prinċipji Ewlenin ġie żviluppat minn tpinġija ta' Daniela Demeterová mir-Repubblika Ċeka, li dehret fuq il-qoxra tal-pubblikazzjonijiet kollha dwar il-Prinċipji Ewlenin sa issa.

**Segretarjat**
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

**Uffiċċju ta' Brussell**
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

# WERREJ


**DAĦLA** ____ **5**

**INTRODUZZJONI** ____ **6**

**SOSTENN GĦALL-IŻVILUPP U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA FIL-PAJJIŻI** ____ **7**

Sfidi u opportunitajiet ____ 7

Il-prijoritajiet kurrenti ____ 8

L-iżvilupp ta' għodod għall-analiżi tal-politika ____ 10

**PRINĊIPJI EWLENIN TAL-2021** ____ **11**

Il-prinċipju globali ____ 12

Il-qafas leġiżlattiv u politiku ____ 13

L-elementi operattivi għal sistemi ta' edukazzjoni inklużiva ____ 20

**RIMARKI KONKLUŻIVI** ____ **28**

**REFERENZI** ____ **29**

# DAĦLA

Din il-pubblikazzjoni mill-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija r-raba' fis-serje tal-Prinċipji Ewlenin. Filwaqt li tenfasizza l-kwistjonijiet fundamentali għas-sistemi tal-edukazzjoni, is-serje tirrifletti wkoll iċ-ċaqliq gradwali li seħħ fil-ħidma tal-Aġenzija matul dawn l-aħħar 25 sena: ċaqliq *lil hinn* minn fokus ristrett fuq il-ħtiġijiet edukattivi speċjali tal-istudenti u l-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali bħala proviżjon speċifiku, *lejn* l-estensjoni u t-titjib tal-kwalità tas-sostenn għat-tagħlim li huwa ġeneralment disponibbli għall-istudenti kollha.

L-ewwel pubblikazzjoni tal-Prinċipji Ewlenin kienet fl-2003: *Key Principles for Special Needs Education – Recommendations for Policy-Makers* [Prinċipji ewlenin fl-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali – Rakkomandazzjonijiet għall-policymakers]. Din għamlet rakkomandazzjonijiet dwar l-inklużjoni tal-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali fil-proviżjon mainstream.

It-tieni pubblikazzjoni fl-2009, *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva – Rakkomandazzjonijiet għall-Policy Makers*, issintetizzat is-sejbiet ewlenin ta' politika mill-ħidma tematika tal-Aġenzija li ssostni l-inklużjoni ta' studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali. Filwaqt li din il-pubblikazzjoni xorta ffukat fuq studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali, din enfasizzat li r-rakkomandazzjonijiet kienu wkoll rilevanti għal dawk li jfasslu l-politika tal-edukazzjoni mainstream. B'hekk din enfasizzat il-kunċett tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni biex jiżdiedu l-opportunitajiet għall-istudenti kollha.

Sal-2011, it-tielet pubblikazzjoni, *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva – Rakkomandazzjonijiet għall-Prattika*, marret lil hinn mill-politika biex tagħti sommarju tal-prinċipji ewlenin għall-prattika kif evidenzjat mill-proġetti tematiċi tal-Aġenzija. Dawn inkludew l-attenzjoni għall-vuċi u l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti, l-attitudnijiet u l-ħiliet tal-għalliema, tmexxija viżjonarja u servizzi interdixxiplinarji koerenti – kwistjonijiet li għadhom rilevanti fil-ħidma tal-Aġenzija 10 snin wara.

Issa fl-2021 – is-sena tal-25 anniversarju tal-Aġenzija – il-pubblikazzjoni l-aktar riċenti tal-Prinċipji Ewlenin għandha l-għan li tmexxi l-ħsieb saħansitra aktar lil hinn. Din tiffoka fuq l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika f'konformità ma' fehma usa' tal-inklużjoni. Din tallinja mal-missjoni tal-Aġenzija li tinforma l-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-politika f'livelli differenti tas-sistema, l-aktar importanti fil-livell tal-iskola. Dan il-fokus jirrifletti ż-żieda fl-enfasi mill-Aġenzija li tkun aġent attiv għal bidla fil-politika fil-qasam tal-edukazzjoni inklużiva.

**Cor Meijer**

**Direttur tal-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva**

# INTRODUZZJONI

Fl-2020, l-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) wettqet analiżi tal-ħidma ewlenija kollha tagħha sa mill-2011. Dan l-eżerċizzju identifika l-lakuni – oqsma ta' ħidma mhux koperti mill-Aġenzija sal-lum. Dan enfasizza wkoll l-oqsma ta' allinjament fil-ħidma tal-Aġenzija sa mill-2011 li jistgħu jitqiesu bħala messaġġi rikorrenti dwar l-implimentazzjoni globali tas-sistemi tal-edukazzjoni inklużiva.

L-Aġenzija ssintetizzat dawn il-messaġġ rikorrenti fi prinċipji ewlenin biex issostni l-implimentazzjoni tal-viżjoni tagħha ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha. Il-prinċipji ewlenin stabbilixxew l-elementi meħtieġa għal sistema globali għall-edukazzjoni inklużiva li twieġeb b'mod pożittiv għad-dimensjonijiet kollha tad-diversità tal-istudenti.

Il-pubblikazzjoni tal-Prinċipji Ewlenin tal-2021 għandha l-għan li ssostni lill-pajjiżi li jixtiequ jevalwaw kwistjonijiet ta' politika ewlenin, jiżviluppaw aktar il-proviżjon inklużiv tagħhom fl-edukazzjoni, u, b'mod partikolari, inaqqsu d-distakk bejn "politika u prattika".

Din għandha l-għan li:

- tallinja l-pożizzjoni tal-Aġenzija li l-viżjoni finali għall-edukazzjoni inklużiva hija li jiġi żgurat li l-istudenti kollha ta' kwalunkwe età jingħataw opportunitajiet ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u sinifikanti fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma' sħabhom u ħbiebhom (Aġenzija Ewropea, 2015a).
- tippreżenta prinċipji bbażati fuq evidenza li jsostnu d-djalogu dwar mistoqsijiet ewlenin, tqajjem kuxjenza u tiżviluppa aktar il-ħsieb u l-lingwaġġ madwar l-edukazzjoni inklużiva;
- tgħin lil min jieħu d-deċiżjonijiet iqis is-sistema ta' edukazzjoni dinamika b'mod sħiħ, filwaqt li tenfasizza l-konnessjonijiet importanti kemm fi ħdan kif ukoll bejn il-livelli tas-sistema u l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet;
- tgħin tevalwa l-impatt potenzjali tal-bidliet ippjanati lejn prattika iktar inklużiva;
- tipprovdi bażi għal pjan ta' azzjoni koerenti sabiex il-politika tintuża fil-prattika.

# SOSTENN GĦALL-IŻVILUPP U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA FIL-PAJJIŻI

## Sfidi u opportunitajiet

Iċ-ċaqliq lejn kunċett usa' tal-edukazzjoni inklużiva jeħtieġ li l-iskejjel jakkomodaw id-differenzi u jissuperaw diversi ostakli għat-tagħlim kull fejn dawn jistgħu jqumu. L-iżvilupp ta' organizzazzjoni, kurrikulu, assessjar, pedagoġija u sostenn ta' skola iktar inklużiva maż-żmien se jtejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni għal kulħadd.

Din il-bidla fil-paradigma tippreżenta sfida, madankollu – kif se jiġu sodisfatti d-drittijiet u l-ħtiġijiet ta' xi studenti (pereżempju dawk b'diżabilitajiet) li jeħtieġu għajnuna addizzjonali, filwaqt li wieħed jaħdem lejn edukazzjoni ekwitabbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni Ewropea (2020) tgħid li:

> Il-kisbiet fl-edukazzjoni u l-kisbiet għandhom jinfirdu minn mal-istatus soċjali, ekonomiku u kulturali, sabiex jiġi żgurat li s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ iżidu l-ħiliet ta' kull individwu u jippermettu l-mobbiltà soċjali għall-aħjar (p. 7).

Politika li għandha l-għan li tinkludi lill-istudenti bi ħtiġijiet speċifiċi għandha tiġi żviluppata bħala parti mill-proċess tal-politika edukattiva ġenerali (Norwich, 2019). Huwa kruċjali li l-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali titqies bħala parti mill-edukazzjoni mainstream li żżid il-kapaċità tal-iskejjel biex jaħdmu lejn sistema ta' edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja li tista' tappoġġja l-ħtiġijiet differenti tal-istudenti kollha.

Dan l-approċċ jeħtieġ ukoll ċaqliq 'il bogħod minn assessjar u llejbiljar "formali" bi proviżjon separat għal gruppi differenti kemm fi ħdan kif ukoll barra mill-ambjenti inklużivi. Dan għandu implikazzjonijiet għall-finanzjament, billi jeħtieġ awtonomija ikbar għall-iskejjel u l-komunitajiet lokali biex jallokaw riżorsi u jiżviluppaw strateġiji biex isostnu lill-istudenti kollha kif xieraq għas-sitwazzjonijiet tagħhom.

Iċ-ċaqliq lejn kunċett usa' ta' inklużjoni għalhekk jeħtieġ flessibbiltà ikbar biex jippermetti lill-iskejjel u lill-komunitajiet jikkunsidraw l-intersezzjonalità – in-natura interkonnessa tal-kategorizzazzjonijiet soċjali kollha, bħal:

> … il-ġeneru, il-qagħda mbiegħda, il-ġid, id-diżabilità, l-etniċità, il-lingwa, il-migrazzjoni, l-ispostament, l-inkarċerazzjoni, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru, ir-reliġjon u twemmin u attitudnijiet oħra (UNESCO, 2020, p. 4).

L-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNESCO) tinnota li d-diskriminazzjoni ma "taqax fuq markatur tal-identità wieħed" (ibid., p. 1). L-aspetti kollha tal-identità ta' individwu "jinteraġixxu biex joħolqu identità sħiħa li hija differenti

mill-identitajiet komponenti" li jinfluwenzaw il-mod kif id-dinja tipperċepihom (Bešić, 2020, p. 114).

Il-pjanijiet (inkluż il-monitoraġġ) jistgħu jiffukaw fuq ċerti gruppi biex jiġi żgurat li l-proviżjon jissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-istudenti. Madankollu, strutturi u proċessi effettivi għandhom ikunu flessibbli biżżejjed biex jikkunsidraw il-karatteristiċi u l-abbiltajiet personali tal-istudenti kollha.

Iċ-ċaqliq lejn edukazzjoni iktar inklużiva għandu jinkludi wkoll bidla fl-enfasi maż-żmien fl-approċċi ta' politika li jittieħdu. Għandu jkun hemm żieda fil-miżuri ta' prevenzjoni u intervent u tnaqqis f'approċċi kumpensatorji, li jeżisti għal studenti li mhumiex inklużi bi sħiħ fil-qafas ta' politika tal-edukazzjoni. Il-Kummissjoni Ewropea (2020) tinnota l-ħtieġa li jitnaqqsu l-livelli baxxi ta' ksib billi tibni fuq erba' pilastri:

- monitoraġġ (li jippermetti traċċar u azzjoni mmirata);
- prevenzjoni (b'mod partikolari għal gruppi f'riskju);
- intervent bikri (għal studenti li diġà qed juru diffikultajiet);
- kumpens (għal dawk li diġà kellhom riżultati ħżiena u li jeħtieġu opportunità oħra) (p. 14)

Għandu jkun hemm sinerġija bejn l-istrateġiji biex jiġi żgurat li s-sistema tipprovdi sostenn ta' kwalità għall-istudenti kollha.

Fl-aħħar nett, il-pandemija tal-COVID-19 kienet prova għar-reżiljenza tas-sistemi tal-edukazzjoni. Filwaqt li din aggravat l-inugwaljanzi f'diversi oqsma, issa tista' tipprovdi opporunità għal bini mill-ġdid ta' sistema iktar inklużiva u ekwitabbli billi żżid il-kapaċità inklużiva fil-livelli kollha tas-sistema skolastika. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2021) jgħid hekk dwar dan:

> Il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet pressjoni mingħajr preċedent fuq is-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ u wasslet għal bidla mifruxa lejn it-tagħlim u l-apprendiment mill-bogħod u dak imħallat. Din il-bidla ġabet magħha sfidi u opportunitajiet differenti għas-sistemi u l-komunitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, għax kixfet l-impatt tad-distakk diġitali u d-differenzi fil-konnettività fl-Istati Membri, kif ukoll l-inugwaljanzi fost gruppi differenti ta' ġid u l-ambjenti urbani u rurali, filwaqt li enfasizzat ukoll il-potenzjal tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-bini tar-reżiljenza u t-trawwim ta' tkabbir sostenibbli u inklużiv (p. 4).

## Il-prijoritajiet kurrenti

F'dawn l-aħħar snin, il-fokus tal-ħidma tal-Aġenzija twessa'. Barra dan, in-natura tas-sostenn li l-Aġenzija toffri lill-pajjiżi membri tagħha nbiddlet, b'żieda fl-attenzjoni fuq is-sostenn tal-iżvilupp tal-politika u l-implimentazzjoni tagħha.

Fl-2021, l-Aġenzija wettqet stħarriġ tal-pajjiżi membri tagħha sabiex tistabbilixxi l-prijoritajiet għall-ħidma futura tal-Aġenzija. Il-kwistjonijiet l-aktar komuni li l-pajjiżi

identifikati allinjaw mal-lakuni identifikati fl-Eżerċizzju ta' Analiżi tal-Aġenzija tal-2020. Dawn jinkludu:

- il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika għal edukazzjoni inklużiva;
- l-iżvilupp ta' strateġiji għal ħidma transettorjali kollaborattiva (li tinkludi l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni) fil-livelli u s-setturi kollha;
- l-iżvilupp ta' oqfsa ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' akkontabilità ta' diversi livelli/stakeholders għall-edukazzjoni inklużiva;
- l-iżgurar tat-traduzzjoni effettiva tal-politiki nazzjonali għal livelli reġjonali, lokali u tal-iskola;
- l-iżvilupp ta' kulturi u kompetenzi ta' edukazzjoni inklużiva fil-professjonijiet, il-livelli tas-sistema u s-setturi.

Rigward il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, il-pajjiżi nnutaw il-ħtieġa li jiġu żviluppati standards u indikaturi għall-monitoraġġ tal-effiċjenza u l-effettività tal-proviżjon inklużiv – b'mod partikolari l-impatt ta' sostenn addizzjonali u inizjattivi li jimmiraw lejn gruppi vulnerabbli. Li jkun magħruf "dak li jaħdem sew u għaliex" jista' jinforma pjanijiet futuri għall-promozzjoni tal-prattika inklużiva, iżid id-djalogu fost l-istakeholders dwar l-implimentazzjoni u l-allokazzjoni tar-riżorsi u, fit-tul, itejjeb il-konsistenza bejn ir-reġjuni, iż-żoni lokali u l-iskejjel.

Fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, ħafna pajjiżi raw ħtieġa iktar urġenti biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' ekwità – b'mod partikolari, l-aċċess għat-tagħlim diġitali. Dawn jirrikonoxxu li d-distakki fil-ksib żdiedu u se jeħtieġu fokus ikbar fuq intervent bikri u prevenzjoni fit-tul, kif ukoll azzjonijiet fuq terminu qasir. Il-pandemija enfasizzat ukoll l-importanza tal-benesseri tal-istudenti (u tal-għalliema) bħala prekundizzjoni importanti għat-tagħlim kollu. Huwa improbabbli li t-tagħlim iseħħ sakemm il-ħtiġijiet soċjali u emozzjonali ma jiġux sodisfatti f'ambjent ta' skola sikura.

Konnessa ma' dan hija l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati mill-ġdid l-oqfsa ta' assessjar biex jiġi żgurat li t-tagħlim usa' jkun rikonoxxut u apprezzat. Dan se jippermetti l-monitoraġġ tal-progress tal-istudenti (u l-prestazzjoni fl-iskola relatata) fl-oqsma li ħafna drabi kienu jitqiesu bħala inqas importanti mill-progress akkademiku, iżda li issa huma rikonoxxuti bħala essenzjali għat-tagħlim u s-suċċess, bħas-saħħa mentali u l-benesseri. Mhix koinċidenza li ħafna minn dawn il-kwistjonijiet jikkorrispondu għall-prinċipji li huma sottostanti għal sistema ċċentrata fuq l-istudent li hija reżiljenti u inklużiva.

Huwa probabbli wkoll li l-legat tal-COVID-19 jeħtieġ firxa usa' ta' servizzi (eż. is-setturi tas-saħħa u soċjali) biex jaħdmu aktar mill-qrib mas-settur tal-edukazzjoni. Is-suċċess hawn jiddependi fuq ħidma konġunta mil-livell ministerjali għas-servizzi reġjonali u lokali biex jiġi żgurat li l-iskejjel ikollhom is-sostenn biex jindirizzaw dawn l-oqsma ewlenin. Dan l-approċċ jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal strutturi u proċessi li jippermettu li l-politika u l-prattika jiġu trasferiti b'mod effettiv bejn il-livelli tas-sistema. Kollaborazzjoni ikbar bejn l-aġenziji u s-servizzi u bejn l-istituzzjonijiet se ssostni wkoll it-tranżizzjoni tal-istudenti bejn l-iskejjel/fażijiet tal-edukazzjoni u d-dħul fl-edukazzjoni kontinwa u ogħla u s-suq tax-xogħol. It-tranżizzjoni, b'mod partikolari għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u għall-impjieg, għall-istudenti b'diżabilitajiet tibqa' sfida għal ħafna pajjiżi.

Rigward l-ekwità, ħafna pajjiżi esprimew tħassib dwar id-differenzi reġjonali. L-iżvilupp ta' prinċipji sodi li jsostnu l-monitoraġġ u jżidu l-konsistenza tal-prattika jista' jindirizza disparitajiet bħal dawn, b'mod parzjali. Approċċ bħal dan jista' jwassal għal allokazzjoni tar-riżorsi iktar ekwitabbli biex jinkisbu l-istandards minimi ta' servizz f'kull reġjun jew żona lokali.

Ir-riċerka tissuġġerixxi li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati firxa ta' kwistjonijiet ta' politika fejn il-politiki nazzjonali tal-edukazzjoni jistinkaw biex ikunu inklużivi (Magnússon, Göransson u Lindqvist, 2019). Jidher ċar li ħafna minn dawn l-oqsma ta' politika huma interkonnessi u ma jistgħux jiġu eżaminati b'mod komprensiv waħedhom.

## L-iżvilupp ta' għodod għall-analiżi tal-politika

Fl-2015/2016, l-Aġenzija żviluppat qafas għal Reviżjoni u Analiżi tal-Politika tal-Pajjiż (CPRA) biex tiġi analizzata l-informazzjoni dwar il-politika tal-edukazzjoni inklużiva kurrenti fil-pajjiżi membri (Aġenzija Ewropea, 2018a).

Fid-dawl tal-esperjenza miksuba permezz tal-CPRA, il-ħidma ta' awditjar tal-pajjiżi u l-iżvilupp ta' Mudell ta' Ekosistema tal-Edukazzjoni Inklużiva (Aġenzija Ewropea, 2016a; 2017a), l-Aġenzija żviluppat *Analysis Framework for Mapping Inclusive Education Policies* [Qafas ta' analiżi għall-immappjar tal-politiki tal-edukazzjoni inklużiva] (Aġenzija Ewropea, 2018b) għall-ħidma tagħha konnessa mal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali tal-Kummissjoni Ewropea. Dan il-qafas jibni fuq il-ħidma tal-Aġenzija biex jidentifika l-komponenti ewlenin tas-sistemi tal-edukazzjoni inklużiva, miftehma mal-pajjiżi membri. Dan għandu l-għan li jikkunsidra l-kumplessità tar-relazzjoni bejn il-livelli, l-istrutturi u l-proċessi u jġib il-politika u l-prattika flimkien b'mod iktar olistiku.

Dawn l-oqfsa influwenzaw l-iżvilupp tal-prinċipji ewlenin li t-taqsima li ġejja tistabbilixxi.

# PRINĊIPJI EWLENIN TAL-2021

Il-Prinċipji Ewlenin tal-2021 (fil-kaxxi għat-test hawn taħt) huma koperti minn prinċipju globali madwar kunċett miftiehem b'mod wiesa' ta' edukazzjoni inklużiva bbażata fuq id-drittijiet.

Il-prinċipji ewlenin imbagħad jistabbilixxu ħames rekwiżiti għall-kuntest leġiżlattiv u politiku, relatati ma':

1. il-finanzjament u l-allokazzjoni ta' riżorsi;
2. il-governanza;
3. l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-akkontabilità;
4. it-tagħlim professjonali tal-għalliema;
5. il-kurrikulu u l-assessjar.

Dawn imbagħad ikomplu bi tmien elementi operattivi (strateġiji, strutturi u proċessi) għal sistemi tal-edukazzjoni inklużiva. Dawn huma relatati ma':

1. il-kollaborazzjoni u l-komunikazzjoni;
2. il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni inklużiva bikrija;
3. it-tranżizzjoni;
4. il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel, il-ġenituri u l-komunità;
5. il-ġbir tad-data;
6. l-iżvilupp tal-provvediment ta' speċjalisti;
7. it-tmexxija tal-iskola;
8. l-ambjent tat-tagħlim u tal-istruzzjoni u l-vuċi tal-istudenti.

Kull prinċipju huwa segwit minn ġustifikazzjoni qasira sostnuta minn referenzi ewlenin.

## Il-prinċipju globali

UNESCO (2020) tinnota li l-liġijiet nazzjonali mhux dejjem jinkorporaw il-konvenzjonijiet internazzjonali bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (in-Nazzjonijiet Uniti, 1989) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (in-Nazzjonijiet Uniti, 2006). L-istabbiliment ta' qafas uniku huwa kruċjali biex jiġi żgurat li d-drittijiet tal-istudenti kollha, kemm għall-edukazzjoni kif ukoll fl-edukazzjoni, jiġu sodisfatti. L-ewwel prinċipju globali jenfasizza li:

**Fil-leġiżlazzjoni u l-politika, irid ikun hemm kunċett ċar ta' edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja ekwitabbli, maqbul mal-istakeholders Dan għandu jinforma qafas leġiżlattiv u politiku uniku għall-istudenti kollha, allinjat mal-konvenzjonijiet u l-komunikazzjonijiet ewlenin fil-livell internazzjonali u Ewropew, bħala l-bażi għall-prattika bbażata fuq id-drittijiet.**

Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa (2017) jinnota li:

> … l-edukazzjoni inklużiva teħtieġ bidla fil-mentalità fil-livell soċjetali, minn li wieħed jara lil ċerti tfal bħala problema għall-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u t-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni stess. Huwa kruċjali li s-soċjetà b'mod ġenerali, dawk li jfasslu l-politika u l-atturi kollha involuti fil-qasam tal-edukazzjoni jifhmu bi sħiħ il-ħtieġa għal din il-bidla fil-paradigma (pp. 20–21).

L-iżvilupp u, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni b'suċċess tal-liġi u l-politika jeħtieġu djalogu estensiv mal-istakeholders biex jaqblu fuq definizzjoni ċara ta' xi tfisser edukazzjoni inklużiva. Punt tal-bidu jista' jkun il-pożizzjoni tal-Aġenzija li:

> Il-viżjoni finali għas-sistemi ta' edukazzjoni inklużiva hija li jiġi żgurat li l-istudenti kollha ta' kwalunkwe età jingħataw opportunitajiet ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja u sinifikanti fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma' sħabhom u ħbiebhom (Aġenzija Ewropea, 2015a, p. 1).

Il-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (2016) jiddeskrivi l-edukazzjoni inklużiva bħala li tinvolvi proċess:

> … biex l-istudenti kollha jkunu pprovduti […] b'esperjenza u ambjent ta' tagħlim ekwitabbli u parteċipattiv u li jikkorrispondu l-aħjar għall-ħtiġijiet u l-preferenzi tagħhom (p. 4).

Id-*Dikjarazzjoni ta' Incheon u l-Qafas għal Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 4* (UNESCO, 2015) għandha l-għan li tiżgura li ħadd ma jitħalla l-art. Din teħtieġ li l-pajjiżi jippromwovu, jaħdmu lejn u jipprovdu edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità inklużivi u ekwitabbli għal **kulħadd**, bħala parti mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

Fil-ħidma tagħhom lejn din il-viżjoni, il-leġiżlazzjoni u l-politika tal-pajjiżi jridu jkunu impenjati lejn id-dritt tal-istudenti kollha għal opportunitajiet edukattivi inklużivi u ekwitabbli, kif stabbilit fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (in-Nazzjonijiet Uniti, 1989) u, aktar reċentement, fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (UE) (Unjoni Ewropea, 2012), li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi. Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-UNESCO għal SDG-Education 2030 (2018) jenfasizza l-importanza li l-pajjiżi kollha jiżguraw li d-dritt għall-edukazzjoni jiġi inkluż fl-oqfsa legali domestiċi u jkun prominenti fid-dokumenti tal-politika. Madankollu, UNESCO (2020) tinnota li f'ħafna pajjiżi, il-konvenzjonijiet internazzjonali mhumiex parti integrali tal-liġijiet nazzjonali.

L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (il-Kummissjoni Ewropea, 2021) tinnota l-importanza tat-tfal bħala aġenti tal-bidla u d-dritt tat-tfal li jirrealizzaw il-potenzjal sħiħ tagħhom. Il-miżuri għandhom jiżguraw li ċ-ċirkostanzi ekonomiċi, soċjali, kulturali jew personali ma jsirux sorsi ta' diskriminazzjoni, li jipprevjenu lil xi tfal milli jibbenefikaw minn esperjenza ta' tagħlim sodisfaċenti fuq livell ugwali mal-oħrajn (Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, 2017). Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (2019) imur lil hinn, u jiddikjara li l-liġijiet u l-politiki għandhom jinkludu b'mod espliċitu "klawżola ta' ebda ċaħda", li tipprojbixxi ċ-ċħid ta' ammissjoni fl-iskejjel mainstream u tiggarantixxi kontinwità fl-edukazzjoni (p. 12).

Huwa kruċjali li din il-bidla fil-ħsieb teħtieġ bidla fil-lingwaġġ – b'mod partikolari dwar l-istudenti b' diżabilitajiet. Il-pajjiżi għandhom jitbiegħdu minn termini mediċi li jistgħu jikkontribwixxi għas-segregazzjoni tal-istudent u li jistgħu jkunu assoċjati ma' aspettattivi aktar baxxi u inqas opportunitajiet Iż-żieda fil-kuxjenza tal-istakeholders kollha tal-benefiċċji sħaħ tal-edukazzjoni inklużiva fit-tul – bħala bażi għal soċjetà iktar inklużiva – hija wkoll prerekwiżit biex jiġi żgurat impenn lejn u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-edukazzjoni inklużiva.

## Il-qafas leġiżlattiv u politiku

Fi ħdan il-qafas leġiżlattiv u politiku uniku, il-prinċipji li ġejjin jistabbilixxu ħames rekwiżiti ewlenin għall-qafas leġiżlattiv u politiku għall-edukazzjoni inklużiva.

**Mekkaniżmi flessibbli għall-finanzjament u l-allokazzjoni tar-riżorsi li jsostnu l-iżvilupp kontinwu tal-komunitajiet skolastiċi u jippermettuhom iżidu l-kapaċità tagħhom biex iwieġbu għad-diversità u jsostnu l-istudenti kollha, mingħajr dijanjożi formali jew illejbiljar.**

Ma hemm l-ebda mod ideali biex tiġi ffinanzjata l-edukazzjoni inklużiva. Il-pajjiżi jvarjaw b'mod wiesa' f'termini ta' deċentralizzazzjoni, densità tal-popolazzjoni u fatturi demografiċi, pereżempju, kif ukoll tal-kuntesti ekonomiċi, soċjali u kulturali u l-istruttura u d-dettalji tas-sistema tal-edukazzjoni. Il-gvernijiet jeħtieġu li jrawwmu sinerġiji u jħeġġu lin-networks jaqsmu riżorsi, faċilitajiet u opportunitajiet għall-iżvilupp tal-kapaċità (Ebersold, Watkins, Óskarsdóttir u Meijer, 2019). Arranġamenti effettivi għall-

finanzjament ta' ħidma kollaborattiva bejn setturi differenti u aġenziji li jsostnu lill-istudenti u l-iskejjel jistgħu jtejbu kemm il-kwalità kif ukoll il-kosteffettività tas-servizzi (UNESCO, 2020).

Li jiġu żgurati opportunitajiet ta' edukazzjoni indaqs għal dawk kollha f'riskju ta' esklużjoni mhijiex biss ir-responsabilità ta' dawk li jfasslu l-politika tal-edukazzjoni. Dan jeħtieġ li diversi atturi jaħdmu f'sistemi amministrattivi allinjati mill-qrib biex isostnu l-ħafna aspetti differenti fil-ħajjiet ta' persuni vulnerabbli. L-użu ta' fornitur ta' servizz wieħed bħala punt ta' riferiment għas-servizzi l-oħra jew il-provvista ta' servizzi multipli f'siti uniċi jistgħu jnaqqsu d-duplikazzjoni u jtejbu aktar il-kwalità, billi l-professjonisti tas-servizzi jikkomunikaw u jaħdmu flimkien (UNESCO, 2020).

Fis-sistema sħiħa tal-finanzjament u l-allokazzjoni tar-riżorsi, irid ikun hemm trasparenza fl-ippjanar, b'monitoraġġ effettiv li jiżgura li l-fondi jintużaw għall-iskop maħsub. Dan jiżgura ekwità u jippermetti lill-istudenti kollha jiksbu l-ogħla benefiċċju mill-edukazzjoni tagħhom. Attwalment, ta' spiss ikun hemm lakuni f'informazzjoni u *data* ċari dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi għal ambjenti speċjali u inklużivi u l-infiq kemm għal skopijiet ġenerali kif ukoll speċifiċi (Aġenzija Ewropea, 2016b).

Sabiex jinkludu l-istudenti kollha, l-iskejjel iridu jiżviluppaw u jiċċaqalqu mill-finanzjament ibbażat fuq ħtiġijiet individwali għal approċċ ta' skola sħiħa. Dan jippermetti sostenn universali għal tagħlim li huwa mill-bidu sal-aħħar flessibbli, iċċentrat fuq l-istudent u personalizzat. Imbagħad, dan għandu jżid il-kapaċità tal-iskola li tnaqqas l-ostakli għat-tagħlim u l-prattiki diskriminatorji permezz tat-trasformazzjoni tal-organizzazzjoni, il-prattiki ta' struzzjoni u l-ambjenti tal-klassi (Aġenzija Ewropea, 2018c; OECD, 2016). Għandu jiġi rikonoxxut li l-approċċ individwali u l-aċċess kompensattiv ġeneralment iwasslu għal spejjeż aktar għoljin, billi jkunu meħtieġa aktar sostenn u għarfien espert biex jikkumpensaw għan-nuqqas ta' preparazzjoni tal-għalliema għad-diversità.

Il-kapaċità tal-iskejjel biex iżidu l-miżuri ta' prevenzjoni tista' tittejjeb iktar permezz ta' finanzjament flessibbli li jipprovdi aċċess għal sostenn mill-komunità lokali (eż. biex iżid l-ingaġġ tal-istudenti permezz ta' opportunitajiet ta' kurrikulu usa' u mentoring).

Aktar importanti, il-finanzjament u l-allokazzjoni tar-riżorsi għandhom ikunu ekwitabbli. Il-mekkaniżmi għandhom jiżguraw li tingħata attenzjoni lill-progress tal-istudenti billi jsir kollegament mar-riżultati tal-istudenti, aktar milli sempliċiment billi jsir proviżjon għall-aċċess (eż. it-tqegħid fi skejjel mainstream) u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet mingħajr tagħlim reali. Skont l-Aġenzija, l-ekwità tista' tinkludi:

- l-ekwità fl-aċċess
- l-ekwità fid-distribuzzjoni tal-opportunitajiet ta' tagħlim u sostenn xieraq
- l-ekwità fil-ksib ta' opportunitajiet u possibbiltajiet għal suċċess fit-tagħlim akkademiku u soċjali u fl-opportunitajiet ta' tranżizzjoni
- l-ekwità fl-ilħuq tal-awtonomija personali waqt u wara l-edukazzjoni formali u l-opportunitajiet ta' affiljazzjoni miftuħa għall-istudenti b'SEN

> [ħtiġijiet ta’ edukazzjoni speċjali] li jsostnu l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà inġenerali (Aġenzija Ewropea, 2011, p. 56).

Fl-aħħar, il-pajjiżi għandhom jikkunsidraw li, fit-tul, l-edukazzjoni inklużiva tista’ twassal għal iffrankar fl-ispejjeż. L-istudenti li ma jingaġġawx fl-iskola jew li ma jkollhomx suċċess fiha, għal kwalunkwe raġuni, huma aktar probabbli li jeħtieġu servizzi addizzjonali bħala adulti (eż. għajnuna bid-dħul, akkomodazzjoni, kura tas-saħħa) bi spiża ekonomika u soċjali għolja għas-soċjetà (OECD, 2010; 2015). L-Aġenzija sabet li l-attendenza f’ambjent speċjali hija:

> … korrelatata ma’ kwalifiki akkademiċi u vokazzjonali baxxi, impjieg f’workshops protetti, dipendenza finanzjarja, inqas opportunitajiet għal għajxien indipendenti, u netwerks soċjali fqar wara l-gradwazzjoni (Aġenzija Ewropea, 2018d, p. 11).

**Pjan ta’ governanza effettiv li jistabbilixxi b’mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet, opportunitajiet għal kollaborazzjoni u livelli ta’ awtonomija fil-livelli kollha tas-sistema.**

Burns (2015) jinnota li l-governanza effettiva taħdem permezz tal-bini tal-kapaċità, id-djalogu miftuħ u l-involviment tal-istakeholders. Il-governanza hija bilanċ bejn l-akkontabilità u l-fiduċja, l-innovazzjoni u l-evitar tar-riskji, il-bini ta’ kunsens u għażliet diffiċli. Il-livell ċentrali jibqa’ importanti – anke f’sistemi deċentralizzati – biex jiskatta u jidderieġi l-edukazzjoni f’viżjoni strateġika, linji gwida ċari u feedback (Aġenzija Ewropea, 2017b). Madankollu, il-livell li fih il-politika tiġi maħluqa u jittieħdu deċiżjonijiet – u r-relazzjonijiet bejn dawn il-livelli – huwa kruċjali. L-istakeholders jridu jkunu ċari dwar il-livelli tal-awtonomija u t-teħid ta’ deċiżjonijiet fl-oqsma ta’ responsabilità tagħhom, u jkunu ppreparati sew għal u sostnuti fi żviluppi bħal dawn. Ainscow (2015) jirrimarka li dawk li jfasslu l-politika għandhom jirrikonoxxu li d-dettalji tal-politika mhumiex soġġetti għar-regolamentazzjoni ċentrali – u li aħjar li jiġu ttrattati minn dawk li jifhmu l-kuntesti lokali. Dawn l-istakeholders lokali għandhom jiġu fdati biex jaġixxu fl-aħjar interessi tal-istudenti u jikkollaboraw għall-benefiċċju ta’ kulħadd.

Donnelly (2016; Aġenzija Ewropea, 2017b) jargumenta li l-bini tal-kapaċità biex jogħlew il-kisbiet tal-komunitajiet lokali jinvolvi neċessarjament:

- Tmexxija li hija “abilitanti” u għandha l-għan li tiżviluppa kultura kollaborattiva bbażata fuq viżjoni ċara
- Sostenn għall-iżvilupp professjonali li jżid il-kapaċità individwali u kollettiva biex tiġi implimentata edukazzjoni inklużiva ta’ kwalità għolja
- Innovazzjoni implimentata bi spazju għal tagħlim mill-esperjenza u l-iżbalji
- Akkontabilità li tapprezza l-kisba usa’, miżuri mhux faċli mmexxija minn forzi li jiddependu fuq is-suq
- Finanzjament immirat

- Valuri nazzjonali espliċiti u ċari dwar l-ekwità u l-inklużjoni.

L-iżvilupp ta' prattika bħal din jista' jeħtieġ bidla strutturali u kulturali sinifikanti f'termini ta' akkontabilità. Dan jista' jinvolvi li l-awtoritajiet lokali jitbiegħdu minn perspettiva ta' "kmand u kontroll", lejn waħda ta' abilitazzjoni u faċilitazzjoni ta' azzjoni kollaborattiva (Ainscow, Dyson, Hopwood u Thomson, 2016), waqt li jżommu f'moħħhom li l-edukazzjoni inklużiva hija responsabilità kollettiva (Ydo, 2020).

Il-ħidma kollaborattiva fil-livelli kollha tas-sistema hija essenzjali. Din tista' tinkludi ħidma bejn il-ministeri tal-edukazzjoni u oħrajn bħall-ministeri soċjali u tas-saħħa. Għandu jkun hemm kooperazzjoni simili bejn dawn is-setturi, aġenziji, organizzazzjonijiet ta' setturi terzi u skejjel fil-livell lokali (Aġenzija Ewropea, 2018c).

Fl-aħħar nett, il-governanza għandha tiżgura fokus fuq l-ekwità. Il-Kummissjoni Ewropea/ EACEA/Eurydice (2020) jinnotaw li l-governanza (u l-finanzjament) li taffettwa l-ekwità tinkludi:

- L-għażla tal-iskola u d-differenzjar ta' oqfsa regolatorji
- Kriterji ta' ammissjoni akkademika, tracking bikri u ripetizzjoni tal-grad
- Awtonomija tal-iskola fejn livelli għoljin jistgħu jwasslu għal differenzi fil-kwalità u jaffettwaw l-ekwità
- Akkontabilità relatata mal-kompetenzi u r-riżultati tal-istudenti, kif ukoll miżuri oħra
- Miżuri li jsostnu skejjel żvantaġġjati u studenti b'kisbiet baxxi
- Attivitajiet barra l-iskola.

**Qafas komprensiv ta' assigurazzjoni ta' kwalità u akkontabilità għall-monitoraġġ, ir-reviżjoni u l-evalwazzjoni li jsostni proviżjon ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha, b'fokus fuq opportunitajiet ekwitabbli għal dawk kollha f'riskju ta' marġinalizzazzjoni jew esklużjoni.**

It-tqajjim ta' kuxjenza u d-djalogu mal-istakeholders għandhom jipprovdu opportunità biex jintlaħaq qbil fuq fehma ta' prattika effettiva fl-edukazzjoni inklużiva, jiġu sfidati s-suppożizzjonijiet, it-twemmin u l-valuri sottostanti, jiġu identifikati l-prijoritajiet u ssir evalwazzjoni tal-progress (Aġenzija Ewropea, 2014a). Dan jista' jiċċara aktar ir-rwol, ir-responsabilitajiet u l-akkontabilità tal-istakeholders u jsostni l-iżvilupp ta' indikaturi li jirriflettu l-aspettattivi. Meta s-sistemi jaraw lill-istudenti b'mod iktar olistiku, u japprezzaw ir-riżultati differenti tal-istudenti, ikun meħtieġ sett iktar komprensiv ta' indikaturi ta' kwalità. UNESCO (2017a) tinnota:

> F'pajjiżi bi kriterji maħsuba b'mod ristrett għad-definizzjoni ta' suċċess, il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ jistgħu jimpedixxu l-iżvilupp ta' sistema ta' edukazzjoni iktar inklużiva. Sistema tal-edukazzjoni li tiffunzjona sew teħtieġ politiki li jiffukaw fuq il-parteċipazzjoni u l-kisba tal-istudenti kollha (p. 21).

Minbarra l-ġbir ta’ evidenza madwar – jew il-kejl – tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għas-suċċess tal-istudenti fl-iskola u fil-ħajjiet tagħhom fil-futur, il-monitoraġġ għandu jinkludi informazzjoni preċiża u affidabbli dwar riżorsi u dwar inputs, strutturi u proċessi oħra li fl-aħħar mill-aħħar jista’ jkollhom impatt fuq it-tagħlim. Miżuri bħal dawn huma partikolarment importanti fir-rigward tal-esperjenzi tal-gruppi minoritarji u dawk potenzjalment vulnerabbli għal prestazzjoni baxxa, biex isostnu prattika ekwitabbli. Standards u indikaturi tal-kwalità jistgħu jgħinu lill-iskejjel jinkorporaw l-assigurazzjoni ta’ kwalità fil-politiki tagħhom u jaġixxu bħala organizzazzjonijiet ta’ tagħlim li għandhom l-għan li jtejbu b’mod kostanti l-prattiki tagħhom (Ebersold u Meijer, 2016).

L-indikaturi għall-inklużjoni fl-iskejjel u madwarhom jistgħu jenfasizzaw ukoll li l-istudent ikun fiċ-ċentru ta’ serje ta’ sistemi li jaħdmu flimkien biex isawwru l-iżvilupp tagħhom (Aġenzija Ewropea, 2016a; 2017a). Dan, imbagħad, jista’ jsostni l-konsistenza u jallinja l-azzjonijiet fl-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fil-livelli tal-iskola, tal-komunità lokali, reġjonali u nazzjonali. B’mod partikolari, l-evidenza mill-proċess ta’ evalwazzjoni tista’ sservi biex isaħħaħ it-tagħlim u l-involviment organizzattiv u l-iżvilupp tal-istakeholders fil-livelli kollha.

Indikaturi jistgħu jsostnu l-fehim tal-politika, l-istrateġija u l-implimentazzjoni u juru kemm sistema tippromwovi tajjeb il-bidla progressiva (Downes, 2014a; 2014b). B’mod sinifikanti, l-indikaturi strutturali jistgħu jipprovdu qafas globali nazzjonali ta’ kwistjonijiet ewlenin li jridu jiġu indirizzati (Downes, 2015). Dan jgħin jidentifika kundizzjonijiet li jwasslu għas-suċċess filwaqt li jiġu rispettati l-ġudizzji professjonali tal-istakeholders u tiġi evitata l-preskrizzjoni minn fuq għal isfel.

L-aktar importanti, l-istakeholders għandhom ikunu involuti fis-sistema ta’ akkontabilità, billi s-sjieda tista’ ssostni l-iżvilupp professjonali kollaborattiv, ir-riflessjoni u t-titjib kontinwu fl-iskejjel u bejniethom.

**Continuum ta’ tagħlim professjonali tal-għalliema – l-edukazzjoni inizjali għall-għalliema, l-induzzjoni (induction) u l-iżvilupp professjonali kontinwu għall-għalliema u l-edukaturi tal-għalliema – li jiżviluppa oqsma ta’ kompetenza fl-għalliema kollha fir-rigward tal-assessjar u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet, l-ippjanar tal-kurrikulu (disinn universali), pedagoġija inklużiva, ingaġġ fi u mar-riċerka u l-użu ta’ evidenza.**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2020) jenfasizza l-ħtieġa għal continuum professjonali li:

> … jkopru b’mod aktar sistematiku t-temi u l-opportunitajiet ta’ tagħlim relatati max-xogħol f’ambjenti multilingwi u multikulturali, jaħdmu ma’ studenti bi bżonnijiet speċjali u minn ambjenti żvantaġġati, pedagoġiji diġitali, żvilupp sostenibbli u stil ta’ ħajja tajjeb għas-saħħa (p. 5).

Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa għal awtonomija professjonali biex jiġu ttrattati firxa ta’ sfidi. Dawn jinkludu s-sostenn tal-iżvilupp olistiku tal-istudenti bi ħtiġijiet ta’ tagħlim

aktar differenti u l-ħtieġa għal relazzjonijiet kostruttivi u ta' sostenn reċiproku ma' stakeholders oħra.

Il-ħidma tal-Aġenzija tenfasizza wkoll il-ħtieġa għal konnessjonijiet ċari u koerenti bejn l-edukazzjoni inizjali għall-għalliema, l-induzzjoni (induction) u l-iżvilupp professjonali kontinwu biex jiġi ffurmat continuum ta' tagħlim professjonali tal-għalliema (inklużi opportunitajiet ta' tagħlim formali u mhux formali) (Aġenzija Ewropea, 2015b). Inizjattivi li huma frammentati mhumiex xierqa biex l-għalliema kollha jiġu ppreparati sabiex jinkludu lill-istudenti kollha b'mod aktar sistematiku. Dawn inaqqsu wkoll il-varjabilità fl-effettività tal-għalliema, li għandu impatt fuq it-tagħlim (Aġenzija Ewropea, 2019a).

It-titjib tat-tagħlim professjonali tal-għalliema jeħtieġ l-iżvilupp tal-edukatturi tal-għalliema. Dawn għandu jkollhom għarfien u esperjenza fl-edukazzjoni inklużiva, kif ukoll esperjenza fl-iskejjel, li jippermettihom jiżviluppaw kompetenzi fl-oħrajn.

Minbarra l-valuri u l-oqsma ta' kompetenzi ewlenin deskritti fil-*Profil ta' Għalliema Inklużivi* (Aġenzija Ewropea, 2012), l-oqsma speċifiċi li ġejjin huma meħtieġa biex isostnu l-prattika inklużiva:

- L-għarfien u l-komprensjoni tal-funzjonijiet tal-assessjar u l-użu ta' informazzjoni biex jittejjeb it-tagħlim, jipprovdu sostenn sabiex jiġu ssuperati l-ostakli u biex isir monitoraġġ u evalwazzjoni tal-approċċi tal-istruzzjoni. Dan jista' jintuża wkoll biex jipprovdu rapporti lill-ġenituri u lil stakeholders oħrajn u jsir ġudizzju fuq il-prestazzjoni skolastika ġenerali.
- L-abilità li wieħed jaħdem ma' oħrajn sabiex jiġi ppjanat kurrikulu rilevanti li jagħti lill-istudenti kollha opportunitajiet biex jilħqu l-potenzjal tagħhom.
- Ħiliet biex jintużaw firxa ta' strateġiji ta' struzzjoni bbażati fuq l-evidenza sabiex jiġi pprovdut sostenn personalizzat lill-istudenti kollha. Dan is-sostenn għandu jippermetti lill-istudenti jaċċessaw materjali u riżorsi ta' tagħlim, jipproċessaw informazzjoni u juru l-komprensjoni tagħhom b'modi differenti.

**Qafas ta' kurrikulu uniku li huwa flessibbli biżżejjed biex jipprovdi opportunitajiet rilevanti għall-istudenti kollha, u qafas ta' assessjar li jirrikonoxxi u jivvalida akkwist u kisba usa'.**

Għandu jiġi żviluppat qafas ta' kurrikulu flessibbli li jipprovdi bażi għall-ippjanar ta' opportunitajiet ta' tagħlim rilevanti għall-istudenti **kollha**, mingħajr kurrikuli separati li jistgħu jillimitaw l-aspettattivi u l-opportunitajiet għal xi gruppi vulnerabbli.

L-Uffiċċju Internazzjonali għall-Edukazzjoni tal-UNESCO (2019) jiddefinixxi kurrikulu inklużiv bħala wieħed li:

> … iqis u jipprovdi għall-ħtiġijiet differenti, l-esperjenzi preċedenti, l-interessi u l-karatteristiċi personali tal-istudenti kollha. Dan jipprova jiżgura li l-istudenti kollha jkunu parti mill-esperjenzi ta' tagħlim li jiġu kondiviżi fil-klassi u li jingħataw opportunitajiet indaqs irrispettivament mid-differenzi bejn l-istudenti.

Madankollu, kif tinnota l-UNESCO (2020), din id-definizzjoni tiġbed l-attenzjoni għal diversi sfidi. L-ewwel, hemm tensjonijiet politiċi dwar it-tip ta' soċjetà li n-nies jaspiraw li jiksbu permezz tal-edukazzjoni. It-tieni, hemm sfidi prattiċi biex tiġi żgurata flessibbiltà sabiex jiġu servuti kuntesti u ħtiġijiet differenti mingħajr is-segregazzjoni tal-istudenti. It-tielet, hemm sfidi tekniċi biex jiġi żgurat li l-kurrikulu jservi l-ekwità billi jkun wieħed rilevanti u jnaqqas id-distakki, sabiex b'hekk l-ebda student ma jitħalla barra.

Alves, Pinto u Pinto (2020) jikkonkludu:

> Jekk l-iskejjel huma mħeġġin ikunu inklużivi, iżda hemm kurrikulu preskrittiv li ma jippermettix lill-għalliema jadattaw il-kontenut, l-approċċi pedagoġiċi, jew l-assessjar skont il-karatteristiċi u l-ħtiġijiet differenti tal-istudenti, il-paradoss li jirriżulta jista' jipprevjeni l-inklużività ġenwina (p. 282).

Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat ukoll il-ħtieġa għal approċċi flessibbli, b'mod partikolari tagħlim imħallat u elettroniku, biex jiġu mmaniġġjati studenti b'firxa ta' ħtiġijiet u interessi. Dawn l-istudenti jistgħu jeħtieġu varjetà ta' aġġustamenti f'termini ta' ritmu, preżentazzjoni, kontenut, modi kif iwieġbu, eċċ.

Konness mill-qrib mal-kurrikulu, il-pajjiżi għandhom jiżviluppaw qafas ta' assessjar inkluživ li jista' jidentifika u japprezza l-progress u l-kisba tal-istudenti kollha. Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (2016) jgħid li:

> L-assessjar standardizzat għandu jiġi mibdul b'forom flessibbli u multipli ta' assessjar u rikonoxximent tal-progress tal-individwu lejn għanijiet wiesa' li jipprovdu rotot alternattivi għat-tagħlim (p. 9).

L-assessjar għandu jsostni primarjament it-tagħlim. Dan għandu jkopri l-firxa sħiħa ta' riżultati ta' tagħlim (jiġifieri akkademiċi u oqsma usa' ta' tagħlim) permezz tal-kurrikulu u attivitajiet informali, mhux formali u ekstra-kurrikulari. Hawnhekk, l-informazzjoni tal-assessjar tista' tintuża għall-aġġustament tal-kurrikulu u l-approċċi tal-istruzzjoni, u biex jiġu identifikati u jingħelbu l-ostakli għat-tagħlim u biex jittieħdu deċiżjonijiet ta' sostenn infurmati.

Meta l-għalliema jidentifikaw ostakli għat-tagħlim permezz tal-assessjar kontinwu tagħhom, dawn għandhom jikkollaboraw ma' speċjalisti biex ikomplu jeżaminaw kemm il-karatteristiċi tal-istudent kif ukoll il-varjabbli ambjentali.

L-assessjar jista' jiġi kkollegat mal-eliġibilità għal riżorsi jew servizzi addizzjonali (eż. input minn għalliema speċjai għall-istudenti b'indeboliment tal-vista). Madankollu, dan ma għandux iwassal għal illejbiljar, irtirar jew proviżjon separat. Is-sostenn għandu jingħata fuq il-bażi tal-ħtiġijiet għal sostenn tal-istudent mingħajr il-ħtieġa ta' ċertifikazzjoni formali li tista' twassal għal imġiba strateġika.

Assessjar summattiv perjodiku jista' jgħin l-assessjar kontinwu. Dan jista' jintuża għar-rapportar, iċ-ċertifikazzjoni tal-progress u l-kisba, l-allokazzjoni tar-riżorsi u r-raggruppament tal-istudenti għal analiżi tad-*data*. Madankollu, ir-rwol tal-assessjar ta' importanza kbira għall-istudent (high-stakes assessment) għandu jkun ċar biex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati bħal istruzzjoni ffukata fuq testijiet u r-restrizzjoni potenzjali tal-kurrikulu. Il-kisba tmur lil hinn mill-akkwist akkademiku (eż. kif imkejjel fuq

testijiet standardizzati) u għandha tikkunsidra l-"ħsieb kritiku, il-ħiliet kollaborattivi, il-kreattività, l-indipendenza u l-abilità ta' solvien ta' problemi" (Aġenzija Ewropea, 2016c, p. 19). Kif innotat hawn fuq, l-oqfsa ta' assessjar għandhom jiżguraw li l-oqsma li kienu formalment meqjusa bħala inqas importanti mill-progress akkademiku, bħall-benesseri soċjali u emozzjonali, ikunu rikonoxxuti bħala essenzjali għat-tagħlim u s-suċċess.

Alves et al. (2020) jissuġġerixxu li l-użu tal-informazzjoni tal-assessjar jeħtieġ riflessjoni kritika dwar it-tifsira ta' suċċess billi l-"kunċetti ta' kisba huma relatati mal-kurrikulu, u mat-tipi u forom ta' għarfien li huma apprezzati" (p. 282).

Fl-aħħar nett, l-informazzjoni tal-assessjar tista' tinforma l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-kurrikulu, l-approċċi tal-istruzzjoni, l-istrateġiji ta' sostenn, ir-raggruppamenti tal-istudenti, l-allokazzjoni tar-riżorsi u aspetti oħra tal-organizzazzjoni tal-iskola.

## L-elementi operattivi għal sistemi ta' edukazzjoni inklużiva

Il-prinċipji li ġejjin huma relatati ma' tmien strateġiji, strutturi u proċessi operattivi meqjusin bħala essenzjali għall-politika u l-prattika inklużiva.

**L-istrutturi u l-proċessi li jippermettu l-kollaborazzjoni u l-komunikazzjoni effettiva fil-livelli kollha – bejn il-ministeri, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell reġjonali u lokali u bejn servizzi u dixxiplini, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi u skejjel.**

Il-politika tal-edukazzjoni qed tieħu forma f'ambjenti dejjem iktar kumplessi, b'sistemi tal-edukazzjoni li qed jiċċaqalqu minn strutturi minn fuq għal isfel għal interazzjonijiet iktar orizzontali bejn stakeholders multipli (Viennet u Pont, 2017). Dan iwassal għal bidliet fl-approċċi lejn l-implimentazzjoni tal-politika, b'iktar negozjar u involviment tal-għalliema, il-mexxejja tal-iskola, l-istudenti, dawk li jfasslu l-politika tal-edukazzjoni lokali u reġjonali, fost oħrajn (OECD, 2020).

Il-komunikazzjoni hija ovvjament kanal importanti kemm għat-twassil ta' messaġġi kif ukoll għall-ġbir ta' feedback. Din hija vitali wkoll għall-bini ta' qbil bejn l-istakeholders, il-ksib tas-sostenn pubbliku, u t-trawwim tas-sjieda tal-politika (OECD, 2020).

Il-UNESCO (2017a) tenfasizza l-ħtieġa li l-mexxejja fil-livelli kollha jistabbilixxu l-kundizzjonijiet biex jisfidaw prattiki edukattivi mhux inklużivi, diskriminatorji u mhux ekwitabbli. Din tippermettilhom "jibnu kunsens u impenn lejn it-tqegħid tal-valuri universali ta' inklużjoni u ekwità fil-prattika" (p. 26).

Fil-livell lokali, l-Aġenzija tinnota li komunità ta' tagħlim kollaborattiv hija fundamentali biex jogħla l-livell tas-suċċess. It-titjib fl-iskola għandu jkun immexxi mill-impenn tal-komunità tal-iskola sħiħa biex jinstabu modi aħjar ta' kif kulħadd jista' jgħix, jaħdem u jitgħallem flimkien. Dan jinvolvi l-ħolqien ta' sħubiji, il-kollaborazzjoni u l-ingaġġ f'attivitajiet kondiviżi sabiex jinkiseb żvilupp sostenibbli (Aġenzija Ewropea, 2018e).

**Strateġija biex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni inklużiva bikrija ta' kwalità u jingħata sostenn lill-familji żvantaġġjati.**

Ir-riċerka turi li hemm benefiċċji ċari għat-tfal li jipparteċipaw f'kura u edukazzjoni bikrija tat-tfal (ECEC) f'termini tal-iżvilupp globali tagħhom u, aktar speċifikament, il-prestazzjoni akkademika tagħhom. Din is-sejba hija b'mod speċjali valida għal studenti żvantaġġjati (il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice, 2020), għaliex ittejjeb l-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet tal-ħajja fit-tul tagħhom. Madankollu, l-investiment fi proviżjon bħal dan huwa siewi biss jekk is-servizzi jkunu ta' kwalità għolja, aċċessibbli, affordabbli u inklużivi (il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2019). Il-proviżjon irid ikun ukoll "parti minn pakkett integrat ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal ta' miżuri ta' politika biex itejbu r-riżultati għat-tfal u jiksru ċikli ta' żvantaġġ" (ibid., p. 1).

Rigward is-sostenn tal-familji, is-servizzi tal-ECEC ħafna drabi huma l-ewwel kuntatt personali mal-ġenituri. F'dan il-mod, dawn jistgħu jifformaw bażi tajba għal approċċ integrat lejn is-servizzi, bħal konsulenza għal ġenituri li jesperjenzaw diffikultajiet.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, 2017) jistabbilixxi għadd ta' prinċipji ewlenin bħala benchmark għall-politika soċjali. Dawn jinkludu l-Prinċipju 11 dwar il-kura tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal. Il-Prinċipju 11 jirrikonoxxi l-importanza tal-ECEC biex it-tfal jiksbu riżultati aħjar aktar tard f'ħajjithom, id-dritt għal edukazzjoni affordabbli u kura ta' kwalità tajba, u d-dritt tat-tfal kollha għall-protezzjoni mill-faqar. Dan jinkludi wkoll id-dritt tat-tfal minn sfondi żvantaġġjati għal "miżuri speċifiċi biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs" sabiex jiġi żgurat li jkollhom aċċess għal għajnuna soċjali u opportunitajiet xierqa fil-ħajja (ibid., p. 19). Il-Prinċipju 9 jenfasizza d-dritt għal bilanċ pożittiv bejn ix-xogħol u l-ħajja personali għal "ġenituri u persuni b'responsabilitajiet ta' kura", inkluż "liv xieraq, arranġamenti tax-xogħol flessibbli u aċċess għal servizzi ta' kura" (ibid., p 16).

Il-parteċipazzjoni fl-ECEC madwar l-UE żdiedet f'dawn l-aħħar snin minħabba kombinazzjoni ta' fatturi. Dawn jinkludu l-investiment f'żieda ta' postijiet ta' indukrar tat-tfal, kondiviżjoni usa' ta' informazzjoni dwar il-proviżjon disponibbli, il-proviżjon ta' ECEC iktar affordabbli u, f'xi każijiet, li l-parteċipazzjoni fl-ECEC issir obbligatorja.

**Strateġija biex jingħata sostenn lill-istudenti kollha fiż-żminijiet ta' tranżizzjoni bejn il-fażijiet tal-edukazzjoni – u b'mod partikolari meta jkunu mixjin lejn il-ħajja adulta – permezz ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, edukazzjoni kontinwa u ogħla, għajxien indipendenti u impjieg.**

It-tranżizzjoni bejn il-livelli ta' edukazzjoni teħtieġ koordinazzjoni biex jiġi żgurat li t-twassil tal-edukazzjoni jkompli mingħajr xkiel. It-tfal minn sfondi żvantaġġjati jiffaċċjaw sfidi addizzjonali fit-tranżizzjoni mill-edukazzjoni bikrija għall-iskola. F'każijiet bħal dawn, il-pajjiżi jistgħu jwieġbu b'sostenn lingwistiku u miżuri finanzjarji li jsostnu l-parteċipazzjoni

(UNESCO, 2020). Madankollu, it-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni sekondarja u postsekondarja u l-integrazzjoni fis-soċjetà ħafna drabi hija iktar diffiċli (Moriña, 2017).

L-Aġenzija indikat it-tranżizzjoni fqira lejn il-ħajja adulta bħala definizzjoni waħda ta' falliment fl-iskola. Din issuġġeriet li fatturi influwenti fil-livell tal-iskola jinkludu l-organizzazzjoni tal-iskola u prattiki bħall-promozzjoni ta' mentalità ta' tkabbir li tisfida n-nuqqas ta' twemmin fik imniffsek u l-awtostima baxxi, l-eliminazzjoni tal-ostakli għat-tagħlim, u approċċi li jżidu l-motivazzjoni u l-ingaġġ (Aġenzija Ewropea, 2019b).

Ir-riċerka tissuġġerixxi li t-tqegħid tal-istudenti – b'mod speċjali f'età bikrija – f'mogħdijiet vokazzjonali iktar baxxi jista' jżid l-inugwaljanzi edukattivi kif ukoll jinfluwenza ħażin il-livelli ta' akkwist edukattiv. Dan jipprevjeni lil xi istudenti milli jagħmlu progress lejn edukazzjoni terzjarja mingħajr ma jiksbu kwalifiki addizzjonali (il-Kummissjoni Ewropea/ EACEA/Eurydice, 2020).

Il-Kummissjoni Ewropea (2017a) tissuġġerixxi li l-pajjiżi għandhom jiżviluppaw rotot edukattivi differenti għaċ-ċertifikazzjoni u jippromwovu mogħdijiet ta' tagħlim flessibbli. Dan se jipprovdi lill-istudenti kollha b'opportunità biex jiksbu kwalifiki rikonoxxuti, isibu impjieg siewi u jissodisfaw l-iżvilupp personali. Dan ikun ta' benefiċċju wkoll jekk ikun hemm permeabilità bejn rotot differenti (pereżempju, akkademiċi u vokazzjonali) sabiex tingħata iktar flessibbiltà u tiġi faċilitata l-għażla għall-istudent.

Fl-aħħar, l-Aġenzija sabet li programmi ta' tranżizzjoni ta' kwalità għolja fl-iskejjel sekondarji jistgħu jżidu l-probabbiltà li persuni b'diżabilitajiet isibu impjieg – b'mod partikolari jekk dawn il-programmi huma bbażati fil-komunità (Aġenzija Ewropea, 2018d). Li wieħed jiġi edukat f'ambjent ta' edukazzjoni inklużiva jista' jinfluwenza wkoll it-tip ta' impjieg li persuni b'diżabilitajiet jistgħu jaċċessaw. L-istudenti jkollhom opportunitajiet biex jiksbu iktar kwalifiki akkademiċi u vokazzjonali, bil-probabbiltà ta' opportunitajiet usa' ta' impjieg.

**Strutturi u proċessi li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel, il-ġenituri u l-membri tal-komunità biex jingħata sostenn lill-iżvilupp ta' skejjel inklużivi u jittejjeb il-progress tal-istudenti.**

L-involviment tal-familja fil-proċess ta' edukazzjoni huwa kruċjali. Madankollu, kif tinnota l-UNESCO (2017a), il-ġenituri jista' ma jkollhomx il-kunfidenza u jista' jkun meħtieġ li ssir ħidma sabiex dawn jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom u jibnu networks.

L-Uffiċċju Internazzjonali għall-Edukazzjoni tal-UNESCO (2016) jenfasizza xi punti ewlenin li għandhom jiġu kkunsidrati meta wieħed jaħdem mal-familji:

- Il-familji u l-komunitajiet għandhom id-dritt li jkunu involuti u jistgħu jagħmlu firxa ta' kontribuzzjonijiet. B'mod partikolari, dawn għandhom għarfien dwar it-tfal tagħhom li l-professjonisti m'għandhomx.

- Il-bini tal-involviment tal-familji u tal-komunità huwa proċess li jitwettaq pass wara pass u huwa bbażat fuq il-fiduċja. Huma meħtieġa

sforzi eċċezzjonali sabiex jiġi promoss l-involviment ta' gruppi marġinalizzati.

- Il-familji u l-gruppi tal-komunità kultant jistgħu jieħdu rwol ewlieni bħala attivisti għall-edukazzjoni inklużiva.
- Id-drittijiet tal-familji li jkunu involuti jistgħu jiġu inkorporati fil-leġiżlazzjoni jew fis-sistema ta' governanza tal-iskola.
- Il-komunitajiet jistgħu jkunu involuti wkoll b'suċċess fil-governanza tal-iskejjel jew tas-sistema tal-edukazzjoni inġenerali.
- L-iskejjel jistgħu jaġixxu bħala riżorsa għall-komunità billi joffru servizzi jew isiru l-bażi għal aġenziji oħra (p. 32).

Lil hinn mill-familja, il-kooperazzjoni mal-komunità lokali tgħin lill-iskejjel jarrikkixxu l-esperjenzi u r-riżultati tat-tagħlim u jgħinu aħjar liż-żgħażagħ biex jiżviluppaw il-kompetenzi li jeħtieġu. Dawn jistgħu jinkludu kooperazzjoni mas-servizzi lokali, organizzazzjonijiet komunitarji, negozji, skejjel oħra, kulleġġi u universitajiet (il-Kummissjoni Ewropea, 2017b). L-istabbiliment ta' sħubiji ma' professjonisti oħra (eż. tas-saħħa, tal-kura soċjali, organizzazzjonijiet ta' setturi terzi) jista' jsostni aktar il-capacity building u jestendi l-ħiliet tal-komunitajiet tal-iskola biex jissodisfaw firxa usa' ta' ħtiġijiet differenti, filwaqt li jtejbu l-kurrikulu u l-kwalità tal-proviżjon għall-istudenti kollha.

**Sistema għall-ġbir ta' *data*/informazzjoni li:**

- **tipprovdi feedback biex tinforma t-titjib kontinwu fis-sistema kollha (eż. il-monitoraġġ tal-aċċess għal edukazzjoni formali u informali, il-parteċipazzjoni, it-tagħlim u l-akkreditazzjoni);**
- **tgħin lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet fil-livelli kollha biex jidentifikaw "sinjali" li jindikaw il-ħtieġa għal azzjoni urġenti rigward skejjel li għandhom bżonn ta' sostenn addizzjonali.**

Minn perspettiva ta' politika, l-aċċess għal *data* valida u affidabbli bħala bażi ta' evidenza għall-iżvilupp ta' politika edukattiva inklużiva fil-livell reġjonali, nazzjonali u internazzjonali huwa essenzjali (Aġenzija Ewropea, 2014b).

Filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa għal fokus ġdid fuq il-monitoraġġ b'lenti ta' ekwità, l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 4 jinnota li d-*data* għandha tkun affidabbli, f'waqtha u diżaggregata. Dan il-fokus fuq l-ekwità jeħtieġ ukoll kapaċità ikbar għall-analiżi tad-*data* dwar il-parteċipazzjoni u r-riżultati tat-tagħlim fil-livelli kollha (UNESCO, 2017b). Barra dan, il-preżentazzjoni tad-*data* b'mod aċċessibbli u faċli għall-utent ittejjeb l-użu tagħha mill-istakeholders kollha, li jgħin it-titjib kontinwu.

L-Aġenzija tinnota li l-aċċess għal kwalunkwe forma ta' edukazzjoni hija kwistjoni ta' ekwità li taġixxi bħala prerekwiżit għall-kwistjonijiet l-oħra kollha (Aġenzija Ewropea,

2020). L-Aġenzija tipprovdi definizzjonijiet miftehma li jsostnu l-ġbir tad-*data* dwar studenti li huma barra minn kwalunkwe forma ta' edukazzjoni rikonoxxuta, li jestendi lil hinn mill-iskola. Ir-rapport tagħha (ibid.) jirrikonoxxi wkoll li xi studenti se jkunu inviżibbli – mhux identifikabbli minn kwalunkwe *data* jew sistemi ta' monitoraġġ u mhux rappreżentati fi kwalunkwe bażi tad-*data*. Dan jenfasizza li, filwaqt li n-numru ta' dawn l-istudenti jista' jkun żgħir ħafna, il-pajjiżi għandhom jirrikonoxxu li dawn jeżistu u jqisu forom ta' ġbir tad-*data* li jagħmluhom iktar viżibbli.

Il-*Global Education Monitoring Report* (UNESCO, 2020) jistabbilixxi żewġ skopijiet ewlenin għall-ġbir tad-*data* fir-rigward tal-inklużjoni:

> L-ewwel nett, id-*data* tista' tenfasizza d-distakki fl-opportunitajiet u fir-riżultati tal-edukazzjoni fost gruppi ta' studenti. Dawn jistgħu jidentifikaw lil dawk f'riskju li jitħallew lura u l-ostakli għall-inklużjoni. It-tieni nett, bid-*data* dwar min qed jitħalla lura u għaliex, il-gvernijiet jistgħu jiżviluppaw politiki bbażati fuq l-evidenza u jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħhom (p. 65).

Sfida importanti f'dan il-qasam ta' ħidma hija li, filwaqt li l-ġbir tad-*data* relatata mal-inklużjoni għandu jiffoka fuq id-drittijiet tal-popolazzjoni sħiħa tal-istudenti, id-*data* mil-livell tas-sistema jeħtieġ li tħares speċifikament lejn dawk il-gruppi ta' studenti li jistgħu jkunu f'riskju ta' marġinalizzazzjoni, esklużjoni u prestazzjoni baxxa (Ainscow et al., 2016).

Filwaqt li jista' jkun hemm informazzjoni statistika dwar oqsma bħall-attendenza, l-imġiba u l-progress tal-istudenti, dejjem iżjed qed jiġu żviluppati sistemi li jsegwu lill-istudenti u jipprovdu informazzjoni dwar il-valur miżjud mill-iskola. Filwaqt li tista' tinġabar informazzjoni kwalitattiva minn stħarriġiet għall-istakeholders, eċċ., Ainscow et al. isostnu li:

> … l-informazzjoni statistika waħedha tgħidilna ftit li xejn. Dak li jagħti ħajja lil *data* bħal din huwa meta "dawk ta' ġewwa" jibdew jiskrutinizzaw u jistaqsu mistoqsijiet dwar is-sinifikat tagħha, u jħallu l-esperjenzi dettaljati u l-għarfien tagħhom ikollhom impatt fuq il-proċess ta' interpretazzjoni (ibid., p. 29).

Huwa kruċjali li d-*data* tirrifletti stampa wiesgħa tal-edukazzjoni u tmur lil hinn mill-kejl tar-riżultati għall-iskop ta' paragun, biex tkejjel dak li huwa verament apprezzat fl-edukazzjoni inklużiva fil-livelli tal-iskola, lokali, reġjonali, nazzjonali u anke internazzjonali.

**Strateġija għall-iżvilupp ta' provvediment ta' speċjalisti biex issostni lill-istudenti kollha u żżid il-kapaċità tal-iskejjel mainstream, li tagħti dettalji dwar ħidma transettorjali u l-iżvilupp professjonali għall-istaff kollha.**

Fi ħdan l-impenn lejn l-edukazzjoni inklużiva, il-mexxejja jridu jkunu ċari dwar kif l-għarfien espert u r-riżorsi mill-provvediment ta' speċjalisti jistgħu jsostnu ċ-ċaqliq lejn sistema iktar inklużiva filwaqt li jibqgħu jiżguraw sostenn ta' kwalità għall-istudenti minn gruppi li huma potenzjalment vulnerabbli.

B’kunsiderazzjoni ta’ din id-dilemma, l-Uffiċċju Internazzjonali għall-Edukazzjoni tal-UNESCO (2016) jinnota li jkun utli li titqies id-distinzjoni bejn il-ħtiġijiet, id-drittijiet u l-opportunitajiet:

> It-tfal kollha għandhom ħtiġijiet (eż. għal istruzzjoni adatta), iżda għandhom ukoll id-dritt li jipparteċipaw bis-sħiħ f’istituzzjoni soċjali komuni (skola mainstream lokali) li toffri firxa ta’ opportunitajiet għalihom. Ħafna drabi l-ġenituri huma sfurzati jagħżlu bejn li jiżguraw li l-ħtiġijiet tat-tfal tagħhom ikunu sodisfatti (li kultant ifisser it-tqegħid fi skola speċjali) u li jiżguraw li dawn ikollhom l-istess drittijiet u opportunitajiet bħal tfal oħrajn (li, skont id-Dikjarazzjoni ta’ Salamanca, timplika t-tqegħid fi skola mainstream) (p. 35).

Din tenfasizza li l-għan għandu jkun li tinħoloq sistema fejn dawn l-għażliet ma jibqgħux neċessarji.

Matul il-perjodu ta’ tranżizzjoni, il-provvediment ta’ speċjalisti jista’ jilgħab rwol importanti billi jittrasforma f’ċentri ta’ riżorsi li jsostnu lill-iskejjel mainstream (UNESCO, 2017a). Ċentri bħal dawn għandhom isostnu lill-iskejjel biex:

- jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġijiet aktar varjati tal-istudenti;
- jiżviluppaw il-kompetenzi tal-mexxejja lokali u tal-iskola kif ukoll tal-għalliema biex isaħħu l-kollaborazzjoni ma’ professjonisti oħrajn, biex jiżguraw sostenn ta’ kwalità għolja għall-istudenti kollha.

**Strateġija biex jiġu żviluppati u sostnuti mexxejja tal-iskola li jaħdmu ma’ oħrajn biex joħolqu etos tal-iskola inklużiv u ekwitabbli b’relazzjonijiet b’saħħithom, aspettattivi għoljin, approċċi proattivi u preventivi, organizzazzjoni flessibbli u continuum ta’ appoġġ biex jintervjenu meta l-istudenti jkunu f’riskju li jfallu u jiġu esklużi.**

Tmexxija tal-iskola effettiva għandha impatt pożittiv fuq il-kisba tal-istudenti, il-kwalità tal-istruzzjoni u l-motivazzjoni tal-istaff (il-Kummissjoni Ewropea, 2017b). L-Aġenzija tissuġġerixxi li l-mexxejja:

> … jieħdu responsabilità għall-istudenti kollha u japprezzawhom. Dawn jaħdmu biex jiżguraw il-parteċipazzjoni u l-ingaġġ sħiħ tal-istudenti billi jifformulaw direzzjoni ċara, jiżviluppaw lill-istaff u stakeholders oħrajn u jużaw l-evidenza, l-esperjenza u l-għarfien espert kollu disponibbli biex joħolqu u jsostnu b’mod kollaborattiv il-komunità ta’ tagħlim u jsostnu lil kulħadd biex jiksbu l-aqwa riżultati possibbli (Aġenzija Ewropea, 2019c, p. 10).

Barra dan, hija tenfasizza r-rwol tal-mexxejja tal-iskola fl-indirizzar tal-inekwità u l-bini ta’ komunità f’kultura fejn id-diversità hija apprezzata.

Fil-ħidma tagħhom biex itejbu s-sistema, il-mexxejja jistgħu joħolqu opportunitajiet għall-istaff tal-iskola biex:

- jieħdu rwoli addizzjonali għall-istruzzjoni fil-klassi (eż. rwoli ta' koordinazzjoni jew tmexxija; l-għoti ta' sostenn lill-kollegi, inkluż mentoring, żvilupp professjonali, involviment fl-iżvilupp tal-iskola) u jaħdmu f'livelli oħra tas-sistema (eż. jaħdmu fuq proġetti, attivitajiet ekstra-kurrikulari, kooperazzjoni ma' sħab esterni);
- jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp tas-sistema ta' edukazzjoni (eż. l-evalwazzjoni tal-iskola, id-djalogu dwar il-politika, l-iżvilupp tal-politika);
- jingaġġaw f'networks bejn l-iskejjel biex jaqsmu għarfien espert u riżorsi ta' struzzjoni, ixerrdu l-innovazzjoni jew isostnu l-iżvilupp tal-iskola (il-Kummissjoni Ewropea, 2018).

L-Aġenzija tagħti sommarju tal-azzjonijiet ewlenin meħtieġa biex togħla l-kisba tal-istudenti (Aġenzija Ewropea, 2018e):

- **Noħolqu kultura li tgħolli l-livell tas-suċċess.** Din titlob li l-mexxejja jiżviluppaw etos ta' skola inklużiva b'relazzjonijiet pożittivi u fokus fuq il-benesseri tal-istudenti. L-istaff u stakeholders oħrajn ikunu ingaġġati fir-riċerka u jżommu aspettattivi għoljin għall-istudenti kollha.
- **Inneħħu l-limitazzjonijiet fuq it-tagħlim**. Dan jeħtieġ li l-mexxejja jiżviluppaw b'mod kollaborattiv kurrikulu awtentiku li jsostni l-aċċess tal-istudenti kollha għal opportunitajiet ta' tagħlim siewja permezz ta' pedagoġija inklużiva u l-użu ta' assessjar primarjament għat-tagħlim.
- **Niżviluppaw sistema ta' sostenn reċiproku.** Din l-azzjoni tirrikonoxxi r-rwol importanti tal-mexxejja biex jabilitaw is-sostenn, għall-istudenti kif ukoll għall-għalliema, biex kulħadd ikun jista' jagħmel progress fil-komunità tat-tagħlim. Il-mexxejja jirrikonoxxu wkoll il-ħtiġijiet ta' sostenn tagħhom stess u jiżguraw li dawn jiġu sodisfatti, eż. permezz ta' networking u żvilupp professjonali kollaborattiv.
- **Inrawwmu l-istudenti kollha**. Hawnhekk, li wieħed jisma' lill-istudenti jitqies bħala kruċjali. Il-mexxejja jħeġġu lill-għalliema u oħrajn biex iwieġbu b'modi li jħeġġu l-iżvilupp ta' mentalità ta' tkabbir li ssostni l-kisba.
- **Naqsmu t-tmexxija.** Il-mexxejja li jaħdmu f'livelli differenti tas-sistema – l-iskola, lokali u reġjonali – jingaġġaw lill-istakeholders kollha biex jiżviluppaw viżjoni inklużiva u jiżguraw impenn mill-kollegi u mill-komunità b'mod ġenerali madwar l-iskola.
- **Niffukaw fuq dak li huwa importanti.** L-iskejjel jimmonitorjaw il-progress, il-parteċipazzjoni u l-ingaġġ tal-istudenti, u jevalwaw il-politika u l-prattika. Il-mexxejja jiżguraw li l-informazzjoni tintuża għal aktar titjib, u li l-istudenti jitpoġġew fiċ-ċentru.

- **Niksbu aktar flimkien**. Il-mexxejja huma ċentrali għall-kollaborazzjoni mal-kollegi u l-ispeċjalisti fl-iskola, u għall-kooperazzjoni ma' skejjel oħra, organizzazzjonijiet u servizzi ta' sostenn. Dawn jirrikonoxxu r-rwol importanti tal-familji u membri oħrajn tal-komunità lokali fl-iżvilupp ta' skola inklużiva.

**Qafas ta' gwida għall-iżvilupp ta' ambjenti ta' tagħlim u struzzjoni fejn il-vuċijiet tal-istudenti jinstemgħu u d-drittijiet tagħhom jiġu sodisfatti permezz ta' approċċi personalizzati għat-tagħlim u s-sostenn.**

Il-Kummissjoni Ewropea (2017a) tistabbilixxi aspirazzjoni għall-ambjenti ta' struzzjoni u tagħlim. Din tissuġġerixxi li l-istati membri għandhom:

> … jinkoraġġixxu approċċi li jappoġġaw lill-istudenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi jinġabru l-opinjonijiet tal-istudent dwar l-esperjenzi ta' tgħallim tiegħu, flimkien ma' dispożizzjonijiet dwar l-inklużività u l-ekwità li jippruvaw jikkumpensaw għall-punti ta' tluq differenti, jiġifieri dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-ugwaljanza tal-opportunità, biex tiġi żgurata l-inklużjoni fid-diversità u l-progress fil-kisba tal-ekwità (p. 2).

Fejn l-istudenti jinstemgħu u jingħatalhom xi influwenza fil-ħajja tagħhom, l-għalliema u l-istudenti jsiru kokreaturi fil-proċess ta' struzzjoni u tagħlim. L-istudenti, l-għalliema, il-ġenituri u l-komunitajiet jaħdmu flimkien biex isostnu l-progress lejn għanijiet kondiviżi (OECD, 2019).

B'mod kruċjali it-tagħlim u s-sostenn personalizzat ma jistgħux jinkisbu bl-importazzjoni ta' ħsieb u prattika ta' edukazzjoni speċjali (pereżempju, risposti individwalizzati jew ta' gruppi segregati) fl-ambjenti mainstream (UNESCO, 2017a). L-iskejjel għandhom bżonn jitbiegħdu mill-idea li jwieġbu għad-diffikultajiet "fit-"tfal u li jippruvaw jinkorporaw lill-istudenti fis-sistema eżistenti. Minflok, dawn għandhom jiffukaw fuq li jbiddlu l-istrutturi u l-proċessi tal-iskola.

It-tagħlim personalizzat jestendi x'hemm disponibbli għal kulħadd fil-klassi, billi japplika l-prinċipji ta' disinn universali għat-tagħlim sabiex iqis l-istudenti kollha u jikkunsidra l-ambjent tat-tagħlim u struzzjoni. Minflok isir ippjanar għall-biċċa l-kbira tal-klassi u mbagħad isir differenzjar għal uħud, l-għalliema għandu jkollhom firxa ta' strateġiji li jistgħu jużaw b'mod flessibbli sabiex l-istudenti ma jkunux iridu jissieltu jew ifallu qabel ma jkollhom aċċess għas-sostenn.

L-istudenti bi ħtiġijiet ta' sostenn iktar kumplessi jista' jkollhom bżonn riżorsi addizzjonali u input minn speċjalisti. Madankollu, il-forma l-iktar importanti ta' sostenn tista' tingħata mir-riżorsi li huma disponibbli għal kull skola – jiġifieri, studenti jgħinu lil studenti oħrajn, għalliema jgħinu lil għalliema oħrajn, il-ġenituri bħala sħab fl-edukazzjoni tat-tfal tagħhom, u l-komunitajiet bħala sostenituri tal-iskejjel u ċentri oħra ta' tagħlim (L-Uffiċċju Internazzjonali għall-Edukazzjoni tal-UNESCO, 2016).

# RIMARKI KONKLUŻIVI

Bidla edukattiva effettiva teħtieġ ir-rikonoxximent li l-implimentazzjoni hija importanti daqs id-disinn tal-politika stess. Dan huwa aspett ewlieni biex il-politiki jilħqu b'suċċess l-iskejjel u l-klassijiet (OECD, 2020).

Il-prinċipji ewlenin ibbażati fuq evidenza ppreżentati f'dan ir-rapport għalhekk jiffukaw kemm fuq l-iżvilupp kif ukoll fuq l-implimentazzjoni tal-politika u jallinjaw il-prijoritajiet tal-pajjiżi membri tal-Aġenzija. Huwa ċar li s-sistemi tal-edukazzjoni jvarjaw minn pajjiż għal ieħor. Dawn huma sistemi dinamiċi, b'ħafna livelli b'kumplessità addizzjonali li tqum minn differenzi kulturali, soċjali, reliġjużi u kuntestwali oħra (pereżempju, differenzi fl-istrutturi ta' governanza ċentralizzati u dawk iktar deċentralizzati). Għalhekk, kif jindikaw Loreman, Forlin u Sharma (2014), m'hemm l-ebda "soluzzjoni ta' malajr' rigward indikaturi rilevanti internazzjonalment. Fit-tul, il-pajjiżi jistgħu jużaw potenzjalment il-prinċipji ewlenin stabbiliti f'dan id-dokument biex jiżviluppaw indikaturi bħal dawn. Dawn jistgħu jinformaw il-ġbir u l-interpretazzjoni tad-*data* kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva fi ħdan qafas ta' assigurazzjoni ta' kwalità u akkontabilità rilevanti għall-kuntesti proprja tal-pajjiżi.

Jekk il-komponenti kollha t'hawn fuq ikunu preżenti, il-livelli kollha tas-sistema tal-edukazzjoni għandhom jaħdmu flimkien biex isiru iktar ekwitabbli, effettivi u effiċjenti fl-apprezzament tad-diversità tal-istudenti u biex jgħollu l-livell ta' suċċess tal-istudenti u tal-istakeholders **kollha** tas-sistema.

# REFERENZI


Ainscow, M., 2015. *Towards Self-Improving School Systems: Lessons from a city challenge [Lejn sistemi tal-iskola ta' awtotitjib: Lezzjonijiet minn sfida f'belt].* Abingdon, Oxon: Routledge

Ainscow, M., Dyson, A., Hopwood, L. u Thomson, S., 2016. *Primary Schools Responding to Diversity: barriers and possibilities [Skejjel primarji jwieġbu għad-diversità: ostakli u possibilitajiet].* CPRT Research Survey 8. York: Cambridge Primary Review Trust. [cprtrust.org.uk/wp-content/uploads/2016/05/Ainscow-report-160505.pdf](cprtrust.org.uk/wp-content/uploads/2016/05/Ainscow-report-160505.pdf) (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

Alves, I. Pinto, P.C. u Pinto., T.J., 2020. 'Developing inclusive education in Portugal: Evidence and challenges' [L-iżvilupp ta' edukazzjoni inklużiva fil-Portugall: Evidenza u sfidi], *Prospects*, 49, 281–296

Bešić, E., 2020. 'Intersectionality: A pathway towards inclusive education?' [Intersezzjonalitá: Mogħdija lejn l-edukazzjoni inklużiva?], *Prospects,* 49, 111–122

Burns, T., 2015. *Governing Complex Education Systems. Trust and Education [Ir-regolazzjoni ta' sistemi tal-edukazzjoni kumplessi. Fiduċja u edukazzjoni].* Preżentazzjoni tad-diskors ewlieni mogħti waqt il-Konferenza tal-OECD dwar ir-Regolazzjoni ta' Sistemi tal-Edukazzjoni Kumplessi, L-Aja, 7 ta' Diċembru 2015

Donnelly, V.J., 2016. *Decentralisation – an overview of international trends [Deċentralizzazzjoni – ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet internazzjonali].* Preżentazzjoni tad-diskors ewlieni mogħti waqt is-Seminar Tematiku tal-Aġenzija Ewropea dwar id-Deċentralizzazzjoni fis-Sistemi tal-Edukazzjoni, Reykjavík, 27 ta' Ottubru 2016

Downes, P., 2014a. *Access to Education in Europe: A Framework and Agenda for System Change [Aċċess għall-edukazzjoni fl-Ewropa: Qafas u aġenda għal bidla fis-sistema].* Lifelong Learning Book Series. Dordrecht: Springer Verlag

Downes, P., 2014b. *Towards a Differentiated, Holistic and Systemic Approach to Parental Involvement in Europe for Early School Leaving Prevention [Lejn approċċ differenzjat, olistiku u sistemiku lejn l-involviment tal-ġenituri fl-Ewropa għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola].* Pariġi: il-Kummissjoni Ewropea, Urbact, Prevent

Downes, P., 2015. *Quality labels and structural indicators for social inclusion in schools – including relational systems for parental involvement and one-stop shop community centres [Lejbils tal-kwalità u indikaturi strutturali għall-inklużjoni soċjali fl-iskejjel – inklużi sistemi relazzjonali għall-involviment tal-ġenituri u ċentri uniċi ta' servizz fil-komunità].* Preżentazzjoni mistiedna li saret għand il-Grupp għall-Politika tal-Iskejjel tal-Kummissjoni tal-UE, Rue Joseph II, Brussell, 4–5 ta' Ġunju 2015

Ebersold, S. u Meijer, C., 2016. 'Financing inclusive education: Policy challenges, issues and trends' [Il-finanzjament tal-edukazzjoni inklużiva: sfidi politiċi, kwistjonijiet u xejriet], fi A. Watkins u C. Meijer (edituri), *Implementing Inclusive education: Issues in bridging the policy-practice gap. International Perspectives on Inclusive Education*, Volume 8. Bingley: Emerald

Ebersold, S., Watkins, A., Óskarsdóttir, E. u Meijer, C., 2019. 'Financing inclusive education to reduce disparity in education: trends, issues and drivers' [Il-finanzjament tal-edukazzjoni inklużiva biex titnaqqas id-disparità fl-edukazzjoni: xejriet, kwistjonijiet u fatturi ewlenin], fi M.J. Schuelka, C.J. Johnstone, G. Thomas u A.J. Artiles (edituri), *The SAGE Handbook of Inclusion and Diversity in Education*. Londra: Sage

Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, 2016. *General comment No. 4, Article 24: Right to inclusive education [Kumment ġenerali Nru 4, Artikolu 24: Id-dritt għal edukazzjoni inklużiva], 2 ta' Settembru 2016].* CRPD/C/GC/4/. refworld.org/docid/57c977e34.html (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-UNESCO għal SDG-Education 2030. *Statement of support. Accountability and the Right to Education [Dikjarazzjoni ta' sostenn. Akkontabilità u d-dritt għall-edukazzjoni].* Pariġi: UNESCO

Il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, 2017. *Fighting school segregation in Europe through inclusive education [Il-ġlieda kontra s-segregazzjoni fl-iskejjel fl-Ewropa permezz tal-edukazzjoni inklużiva].* Dokument ta' pożizzjoni. Strasburgu: il-Kunsill tal-Ewropa. rm.coe.int/fighting-school-segregationin-europe-throughinclusive-education-a-posi/168073fb65 (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

Il-Kummissjoni Ewropea, 2017a. *Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-Inklużjoni fid-Diversità biex tinkiseb Edukazzjoni ta' Kwalità Għolja għal Kulħadd.* 2017/C 62/02

Il-Kummissjoni Ewropea, 2017b. *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. L-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja.* SWD (2017) 165 final

Il-Kummissjoni Ewropea, 2018. *Teachers and school leaders in schools as learning organisations. Guiding principles for policy development in school education [L-għalliema u l-mexxejja tal-iskola fl-iskejjel bħala organizzazzjonijiet tat-tagħlim. Prinċipji ta' gwida għall-iżvilupp tal-politika fl-edukazzjoni skolastika].* Brussell: DĠ Edukazzjoni, Żgħażagħ, Sport u Kultura, Skejjel u l-Multilingwiżmu

Il-Kummissjoni Ewropea, 2020. *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.* COM (2020) 625 final

Il-Kummissjoni Ewropea, 2021. *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal.* COM (2021) 142 final

Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice, 2020. *L-ekwità fl-edukazzjoni skolastika fl-Ewropa: Strutturi, politiki u l-prestazzjoni tal-istudenti.* Rapport ta' Eurydice. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, 2019. *Empowering children with disabilities for the enjoyment of their human rights, including through inclusive education [Nagħtu s-setgħa lit-tfal b'diżabilitajiet biex igawdu d-drittijiet tal-bniedem tagħhom, inkluż permezz tal-edukazzjoni inklużiva].* Rapport tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Erbgħin Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, Assemblea Ġenerali tan-NU

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2019. *Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal*. 2019/C 189/02. Brussell: il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019H0605(01)&rid=4 (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2020. *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur.* 2020/C 193/04. Brussell: il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020XG0609%2802%29&qid=1644585669704 (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2021. *Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030)*. 6289/1/21 REV 119, Frar 2021

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, 2017. *Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*. Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

In-Nazzjonijiet Uniti, 1989. *Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal,* 20 ta' Novembru 1989.

In-Nazzjonijiet Uniti, 2006. *Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.*

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2014a. *Education for All: Special Needs and Inclusive Education in Malta. Anness 2: Desk Research Report [Edukazzjoni għal kulħadd: Ħtiġijiet speċjali u l-edukazzjoni inklużiva f'Malta. Anness 2. Rapport ta' riċerka bbażata fuq dokumentazzjoni].* Odense, id-Danimarka

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2014b. *Inclusive Education in Europe: Putting theory into practice. International Conference, 18 November 2013. Reflections from researchers [L-edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa: It-teorija fil-prattika. Konferenza internazzjonali, 18 ta' Novembru 2013. Riflessjonijiet mir-riċerkaturi].* Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/international-conference-reflections-researchers (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2015a. *Il-Pożizzjoni tal-Aġenzija dwar Sistemi ta' Edukazzjoni Inklużiva*. Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/agency-position-inclusive-education-systems-flyer (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2015b. *Empowering Teachers to Promote Inclusive Education. Literature Review [Insaħħu id l-għalliema biex jippromwovu l-edukazzjoni inklużiva. Evalwazzjoni tal-letteratura].* (A. Kefallinou, editur). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/empowering-teachers-promote-inclusive-education-literature-review (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2016a. *Inclusive Early Childhood Education: An analysis of 32 European examples [Edukazzjoni inklużiva bikrija: Analiżi ta' 32 eżempju Ewropew].* (P. Bartolo, E. Bjorck-Akesson, C. Giné u M. Kyriazopoulou, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/inclusive-early-childhood-education-analysis-32-european-examples (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2016b. *Financing of Inclusive Education: Mapping Country Systems for Inclusive Education [Il-finanzjament tal-edukazzjoni inklużiva: Immappjar tas-sistemi għall-edukazzjoni inklużiva fil-pajjiżi].* (S. Ebersold, editur). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/financing-inclusive-education-mapping-country-systems-inclusive-education (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2016c. *Raising the Achievement of All Learners in Inclusive Education: Literature Review. [Ngħollu l-Livell ta' Suċċess għall-Istudenti Kollha fl-Edukazzjoni Inklużiva – Reviżjoni tal-letteratura].* (A. Kefallinou, editur). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/raising-achievement-all-learners-inclusive-education-literature-review (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017a. *Raising the Achievement of All Learners: A Resource to Support Self-Review [Ngħollu l-livell ta' suċċess għall-istudenti kollha: Riżorsa għas-sostenn tal-awtoevalwazzjoni].* (V.J. Donnelly u A. Kefallinou, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/raising-achievement-all-learners-self-review (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017b. *Decentralisation in Education Systems – Seminar Report [Deċentralizzazzjoni fis-sistemi tal-edukazzjoni – Rapport tas-Seminar].* (V.J. Donnelly, E. Óskarsdóttir u A. Watkins, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/decentralisation-education-systems-seminar-report (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2018a. *Country Policy Review and Analysis: Methodology Report – Updated 2018 [Reviżjoni u analiżi tal-politika tal-pajjiżi: Rapport dwar il-metodoloġija – Aġġornat 2018].* (S. Symeonidou, V.J. Donnelly, V. Soriano u A. Watkins, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/country-policy-review-and-analysis-methodology-report-revised-2018 (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2018b. *Analysis Framework for Mapping Inclusive Education Policies [Qafas ta' analiżi għall-immappjar tal-politiki tal-edukazzjoni inklużiva].* (V. Soriano, A. Watkins, M. Kyriazopoulou, V. Donnelly, A. Kefallinou, S. Ebersold u G. Squires, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/analysis-framework-mapping-inclusive-education-policies (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2018c. *Financing Policies for Inclusive Education Systems: Resourcing Levers to Reduce Disparity in Education [[Il-Politiki ta' Finanzjament tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Inklużiva: Il-Provvista ta' Lievi għat-Tnaqqis tad-Disparità fl-Edukazzjoni].* (S. Ebersold, E. Óskarsdóttir u A. Watkins, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/fpies-synthesis-report (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2018d. *Evidenza tal-Konnessjoni Bejn l-Edukazzjoni Inklużiva u l-Inklużjoni Soċjali: Rapport Sommarju Finali.* (S. Symeonidou, editur). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/evidence-link-between-inclusive-education-and-social-inclusion-final-summary (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2018e. *Key Actions for Raising Achievement: Guidance for teachers and school leaders [Azzjonijiet ewlenin biex ngħollu l-livell ta' suċċess: Gwida għall-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel].* (V. Donnelly u A. Kefallinou, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/key-actions-raising-achievement-guidance-teachers-and-leaders (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2019a. *Teacher Professional Learning for Inclusion: Literature Review [Tagħlim Professjonali tal-Għalliema għal Inklużjoni: Analiżi tal-Letteratura].* (A. De Vroey, S. Symeonidou u A. Watkins, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/TPL4I-literature-review (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2019b. *Preventing School Failure: A Review of the Literature [Prevenzjoni tal-falliment fl-iskola: Analiżi tal-letteratura].* (G. Squires u A. Kefallinou, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/preventing-school-failure-literature-review (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2019c. *Inclusive School Leadership: Exploring Policies Across Europe [It-tmexxija ta' skola inklużiva: Esplorazzjoni tal-politiki madwar l-Ewropea].* (E. Óskarsdóttir, V. Donnelly u M. Turner-Cmuchal, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/inclusive-school-leadership-synthesis (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2020. *Out-of-School and Out-of-Data? Out-of-School Learners in the European Agency Statistics on Inclusive Education (EASIE) – Conceptual Working Paper [Barra mill-iskola u Barra mid-data? L-istudenti li jinsabu barra l-iskola fl-Istatistiċi tal-Aġenzija Ewropea dwar l-Edukazzjoni Inklużiva (EASIE) – Dokument ta' ħidma unċettwali].* (A. Watkins u A. Lenárt, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/EASIE-Out-of-School (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2011. *Mapping the Implementation of Policy for Inclusive Education: An exploration of challenges and opportunities for developing indicators [L-immappjar tal-implimentazzjoni tal-politika għall-edukazzjonI inklużiva: Esplorazzjoni tal-isfidi u l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' indikaturi].* (S. Ebersold u A. Watkins, edituri). Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/mapping-implementation-policy-inclusive-education-exploration-challenges-and (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2012. *Profil ta' Għalliema Inklużivi.* Odense, id-Danimarka. www.european-agency.org/resources/publications/teacher-education-inclusion-profile-inclusive-teachers (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2021)

Loreman, T., Forlin, C. u Sharma, U., 2014. 'Measuring indicators of inclusive education: A systematic review of the literature' [Kejl tal-indikaturi tal-edukazzjoni inklużiva: Evalwazzjoni sistematika tal-letteratura], fi C. Forlin and T. Loreman (edituri), *Measuring Inclusive Education. International Perspectives on Inclusive Education*. Vol. 3. Bingley: Emerald

L-Uffiċċju Internazzjonali għall-Edukazzjoni tal-UNESCO, 2016. *Reaching Out to All Learners: A Resource Pack for Supporting Inclusive Education [L-ilħuq tal-istudenti kollha: Pakkett ta' riżorsi għas-sostenn tal-edukazzjoni inklużiva].* Ġinevra: L-Uffiċċju Internazzjonali għall-Edukazzjoni tal-UNESCO. unesdoc.unesco.org/ark:/48223/pf0000243279 (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

L-Uffiċċju Internazzjonali għall-Edukazzjoni tal-UNESCO, 2019 *Inclusive Curriculum [Kurrikulu inklużiv].* Ġinevra: L-Uffiċċju Internazzjonali għall-Edukazzjoni tal-UNESCO. ibe.unesco.org/en/glossary-curriculum-terminology/i/inclusive-curriculum (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

L-Unjoni Ewropea 2012. *Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*. 2012/C 326/02

Magnússon, G., Göransson, K. u Lindqvist, G., 2019. 'Contextualizing inclusive education in educational policy: the case of Sweden' [Kuntestwalizzazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva fil-politika edukattiva: il-każ tal-Iżvezja], *Nordic Journal of Studies in Educational Policy*, 5 (2), 67–77

Moriña, A., 2017. 'Inclusive education in higher education: challenges and opportunities' [L-edukazzjoni inklużiva fl-edukazzjoni ogħla: sfidi u opportunitajiet], *European Journal of Special Needs Education*, 32 (1), 3–17

Norwich, B., 2019. 'From the Warnock Report (1978) to an Education Framework Commission: A Novel Contemporary Approach to Educational Policy Making for Pupils With Special Educational Needs/Disabilities' [Mir-rapport ta' Warnock (1978) għal Kummissjoni Qafas għall-Edukazzjoni: Approċċ kontemporanju ġdid lejn it-tfassil tal-politika edukattiva għall-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali/diżabilitajiet], *Frontiers in Education*, 4. doi.org/10.3389/feduc.2019.00072 (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

OECD, 2010. *The high cost of low educational performance: The long-run economic impact of improving PISA outcomes [L-ispiża għolja ta' prestazzjoni edukattiva baxxa: L-impatt ekonomiku fit-tul tat-titjib tar-riżultati ta' PISA].* Pariġi: OECD Publishing

OECD, 2015. *Universal skills: What countries stand to gain [Ħiliet universali: Dak li l-pajjiżi se jiggwadanjaw].* Pariġi: OECD Publishing

OECD, 2016. *Low-Performing Students: Why They Fall Behind and How to Help Them Succeed [Studenti bi prestazzjoni baxxa: Għaliex jibqgħu lura u kif nistgħu ngħinuhom jissuċċiedu].* PISA. Pariġi: OECD Publishing

OECD, 2019. *Future of Education and Skills 2030: Conceptual learning framework. Student Agency for 2030 [Il-futur tal-edukazzjoni u l-ħiliet 2030: Qafas ta' tagħlim kunċettwali. Aġenzija għall-Istudenti għall-2030].* oecd.org/education/2030-project/teaching-and-learning/learning/student-agency/Student_Agency_for_2030_concept_note.pdf (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

OECD, 2020. *Education Policy Perspectives no. 9. An implementation framework for effective change in schools [Perspettivi tal-politika tal-edukazzjoni Nru 9. Qafas ta' implimentazzjoni għal bidla effettiva fl-iskejjel].* Pariġi: OECD Publishing

UNESCO, 2015. *Id-Dikjarazzjoni ta' Incheon u l-Qafas għal Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 4*. Pariġi: UNESCO. uis.unesco.org/sites/default/files/documents/education-2030-incheon-framework-for-action-implementation-of-sdg4-2016-en_2.pdf (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

UNESCO, 2017a. *A Guide for Ensuring Inclusion and Equity in Education [Gwida biex tiġi żgurata l-inklużjoni u l-ekwità fl-edukazzjoni].* Pariġi: UNESCO

UNESCO, 2017b. *Unpacking sustainable development goal 4: Education 2030 – A Guide [Analiżi tal-għan ta' żvilupp sostenibbli 4: Edukazzjoni 2030 – Gwida].* Pariġi: UNESCO

UNESCO, 2020. *Global Education Monitoring Report 2020: Inclusion and education: All means all [Rapport tal-2020 dwar il-monitoraġġ tal-edukazzjoni globali: Inklużjoni u edukazzjoni: Kollox ifisser kollha].* Pariġi: UNESCO

Viennet, R. u Pont, B., 2017. *Education policy implementation: A literature review and proposed framework [Implimentazzjoni tal-politika tal-edukazzjoni: Evalwazzjoni tal-letteratura u l-qafas propost].* OECD Education Working Papers, Nru 162. Pariġi: OECD Publishing

Ydo, Y., 2020. 'Inclusive education: Global priority, collective responsibility' [L-edukazzjoni inklużiva: Prijorità globali, responsabilità kollettiva], *Prospects,* 49, 97–101. doi.org/10.1007/s11125-020-09520-y (Aċċessat l-aħħar f'Lulju 2021)

Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

**MT**

www.european-agency.org/activities/KeyPrinciples